Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 309/2014

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Ferris)

vs

**Giuseppe Vella**

Illum, 23 ta' Lulju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Giuseppe Vella, iben Fortunato, imwieled Naxxar, fit-30 ta' Marzu, 1954, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 329254(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer, f' Marzu 2009 jew fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ikkorrompew ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b' mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Emanuel sive Jesmond Abela li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex iggieghel lil Emanuel sive Jesmond Abela jesercita dik l-influwenza;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Dismar Company Limited, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b' ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f' xi rigward materjali;

Kif ukoll talli b' hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b' zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 12 ta' Gunju 2008 u 10 ta' Lulju 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f' kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti fil-

waqt li ma sabitx lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom, u fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ahhar imputazzjoni dwar recidiva, wara li rat l-artikolu 18, 42, 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, u kkundannatu tlettax (13) il-xahar prigunerija. In oltre b' applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatu ukoll biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1350.33 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Lulju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f' dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni u fejn errogat il-piena msemmija u tikkonfermaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti tal-Magistrati kien wiehed ghal kollox parzjali, selettiv u zbilancjat. Il-Qorti tal-Magistrati, wara li korrettement warrbet dawk ir-reat li qatt ma setghu, mill-aspett legali u fattwali, jirrizultaw, ghaddiet biex, b' mod sistematiku, minn banda wahda twarrab kull prova li ngabet mill-esponent u minn band' ohra, tiggustifika l-operat dubbjuz tax-xhieda tal-prosekuzzjoni anke meta dak l-operat ma setghax jigi gustifikat.

Illi l-esponent jissottometti li d-dubbju ghandu dejjem imur favur l-akkuzat u mhux favur il-prosekuzzjoni – u favur bi dritt u mhux bi pjacir! Jinghad bl-akbar rispett li l-ezercizzju maghmul mill-Qorti, bl-ezami minuzzjuz u kwazi-polizzjesk tal-provi tad-difiza abbinat ma' nuqqas ta' konsiderazzjoni approfondita tat-toqob fil-provi tal-prosekuzzjoni, jinverti b' mod perikoluz dan il-principju sagrosant ghall-gustizzja.

Illi l-esponent jixtieq jissottometti wkoll li fil-mori tal-proceduri huwa kien staqsa lill-Onorevoli Magistrat li kienet qed tippresjedi l-Qorti jekk kienitx f'posizzjoni taghmel

gudizzju seren tenut kont tal-fatt li kienet, fuq ammissjoni, ikkundannat lil Jesmond Abela ghal reati li kienu jemanu mill-istess fatti ta' dan il-kaz. B' lealta` lejn il-Qorti, il-Magistrat sedenti kienet iddikjarat li kienet effettivament f' posizzjoni taghmel gudizzju seren a bazi tal-provi akkwiziti fil-process u halliet id-decizjoni dwar rikuza f' idejn il-partijiet. L-esponent ghalhekk ghazel li ma jirrikuzax lill-Magistrat sedenti.

Illum l-esponent, wara qari akkurat tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, partikolarment dawk dwar il-kreddibilita` tieghu u dik tax-xhieda, inkluz naturalment dik ta' Jesmond Abela, jaccetta li gie zgwidat. B' lealta` lejn il-Magistrat sedenti, l-esponent qieghed hawnhekk jaghmel biss osservazzjoni fl-ambitu ta' aggravju dwar l-evalwazzjoni tal-provi u mhux ser iqajjem dan il-punt bhala aggravju *sui generis*.

Illi dan il-kaz huwa ibbazat fuq *misconception* serju ta' l-investigaturi fl-istadju ta' l-investigazzjoni u tar-redazzjoni ta' l-akkuzi fil-konfront ta' l-esponent. L-ufficjal investigatur l-Ispettur Angelo Gafa' xehed fit-8 ta' Jannar, 2010. Huwa qal li bil-kreditu fir-*return* tas-socjeta` Dismar Co. Ltd. ghall-perijodu bejn Novembru tas-sena 2008 u Jannar tas-sena 2009 "kien inqata l-bilanc kollu dovut lid-Dipartiment tal-Vat" (vide fol. 25 ta' l-atti processwali). Ir-rappresentant tad-Dipartiment tal-VAT Joanne Hefney, li xehdet ukoll fit-8 ta' Jannar, 2010, qalet li "*bis-sahha ta' dak il-kreditu l-bilanc gie jaqra zer*o" (vide fol. 55 ta' l-atti processwali). Proprju in vista ta' din ix-xiehda, u cioe` waqt l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, l-esponent gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li dan kien zbaljat u esebixxa dokument – Dok GV1 (a fol. 61) – minn fejn jirrizulta li huwa kien hallas l-ammont ta' € 1,155.21 biex jaghlaq il-kont.

Illi dan il-fatt, li javalla pjenament it-tezi ta' l-esponent fis-sens li huwa ried biss li jitnehhew l-interessi u l-multi u mhux li ma jithallasx il-*pure tax*, gie kompletament injorat mill-Qorti tal-Magistrati fil-konsiderazzjonijiet taghha. Dan huwa fatt li mhux biss jaghti kredibilita` lill-esponent izda juri li l-prosekuzzjoni kellha l-idejat kompletament zbaljati waqt l-investigazzjonijiet taghha. Ma huwiex gust li fatt bhal dan, li ngab a konjizzjoni tal-Qorti kemm waqt l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni kif fuq spjegat kif ukoll waqt is-sottomissjonijiet finali tad-difensur ta' l-esponent, jigi kompletament injorat.

Illi punt iehor li gie injorat mill-Qorti tal-Magistrati kien dak li t-talba ta' l-esponent kienet li jitnehhew l-interessi u l-multi. Huwa qatt ma talab li jitnehha l-*pure tax*. Il-legalita` tat-talba ta' l-esponent huwa wkoll indikattiv tal-*buona fede* ta' l-esponent. Fix-xiehda tieghu Jesmond Abela qal li l-esponent ried jaghlaq il-kont minghajr ma jhallas il-multi. L-esponent kien dejjem konsistenti fuq dan il-punt. Min joffri "bribe" ma jaghmilhiex biex inehhi l-interessi u l-multi izda jaghmilha biex l-kont jigi azzerat kif erronjament hasbu li gie azzerat x-xhieda Joanne Hefney mid-Dipartiment tal-VAT u l-Ispettur Angelo Gafa' li mexxa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

Illi fattur iehor li kien jimmerita daqsxejn konsiderazzjoni, u li d-difiza specifikatament talbet li jinghata konsiderazzjoni, kien il-protezzjoni suspettuza li nghata Jesmond Abela mill-Pulizija Ezekuttiva. Id-difiza talbet li l-process tal-kawza kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Emmanuele sive Jesmond Abela**" jigi anness ma' l-atti processwali ta' din il-kawza. Jirrizulta minn dak il-process li meta l-ufficjal prosekutur gie mitlub mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex jispjega fil-qasir id-dettalji tal-kaz, huwa xehed li fil-mument li suppost intalbu l-elf euro, Jesmond Abela ma kien ser jiehu xejn. Jirrizulta mill-istqarrija li ttiehdet sitt xhur qabel mill-istess xhud li Abela kien qallu li kienu ftehmu li ser jaqsmu l-elf euro bejniethom. L-esponent jistaqsi – ghaliex Jesmond Abela gie protett b' dan il-mod?

Illi fit-2 ta' Dicembru, 2013 kien xehed, fuq talba tad-difiza, l-Ispettur Ian Abdilla. Dan xehed li Jesmond Abela kien issemma, fl-investigazzjoni li saru in konnessjoni mad-Dipartiment tal-VAT, minn certa Mark Anthony Camilleri (vide xiehda a fol. 979 *et. seq.* ta' l-atti processwali). Jirrizulta mix-xiehda msemmija ta' l-Ispettur Angelo Gafa' quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li Jesmond Abela tressaq biss fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet li ghamel fuq l-esponent u ghalhekk jista' jigi facilment dedott li qatt ma tressaq in konnessjoni mal-kaz ta' Mark Anthony Camilleri u, del resto, in konnessjoni ma' xi kazijiet ohra. L-esponent jerga' jistaqsi – ghaliex Jesmond Abela gie protett b' dan il-mod? Mhux ta' b' xejn ammetta l-akkuzi u ha sentenza sospiza! Dan il-fatt, ghalkemm isolatament mhux konklussiv, kellu jinghata wkoll konsiderazzjoni serja mill-Qorti in kwantu jikkostitwixxi indizzju serju ghall-ghaggla li kellu Abela biex jammetti l-akkuzi. Certament ma kienx ser ikun l-esponent li jixhed kontrih peress li huwa dejjem tenna li dak li sar ma sarx bi hlas ta' "*bribe*".

Illi l-Qorti tal-Magistrati dehrilha li Jesmond Abela kellu jinghata kredibilita` fl-asserzjoni tieghi. Infatti l-Qorti osservat li dan ix-xhud kien "*qal ezattament l-istess affarjiet kemm f' l-istqarrija kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu*". Jinghad bl-akbar rispett li l-konferma ta' dak li wiehed jghid fl-istqarrija ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li x-xhud huwa kredibbli. Jekk wiehed jigdeb mal-Pulizija imbaghad jikkonferma l-gidba quddiem il-Qorti dan ma jaghmlux xhud kredibbli. Bl-istess argument, jekk kien hemm xi hadd f' dan il-kaz li dejjem kien konsistenti fil-versjoni, u anke kkonfronta lil Jesmond Abela b' dan, kien l-esponent. L-esponent giddeb lil Abela waqt l-istqarrija tal-5 ta' April, 2009 kif ukoll ikkorega lill-ufficjal prosekutur fl-interpretazzjoni tieghu ta' dak li qal Abela (vide fol. 31). L-esponent ikkorega ukoll, kif intqal iktar ' l fuq, lill-Ispettur Angelo Gafa' u lil Joanne Hefney waqt ix-xiehda taghhom fil-Qorti. L-esponent ukoll esebixxa dokumentazzjoni in sostenn ta' dak li kien qed jghid. Dan hu dak li jrendi xhud kredibbli u mhux, kif donnha qed tghid il-Qorti, li wiehed jikkonferma bil-gurament fil-Qorti dak li wiehed ikun qal fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija taht stat ta' arrest tiela' u niezel mic-cella! Is-sentenza sospiza kienet karrotta tajba hafna ghal Jesmond Abela li r-responsabbilitajiet tieghu huma oggettivament hafna iktar gravi mit-traskuragni ta' l-esponent.

Illi l-Qorti tal-Magistrati, f' pagni 11 u 12 tas-sentenza appellata, ghamlet sensiela ta' kongetturi dwar ghaliex l-esponent kien jaf b' dak li kien qed jaghmel Jesmond Abela u Nigel Abela. Hawnhekk ta' min jippuntwalizza li Nigel Abela huwa persuna injota lill-esponent. Skond il-Qorti, id-dokumentazzjoni misjuba fl-ufficcju ta' l-esponent turi li hu kien jaf ezattament x' kien qed isir. Qed jigi ribadit li dawn ma humiex konsiderazzjonijiet izda huma biss kongetturi. L-esponent, fl-istadju tad-difiza, gab provi ampji dwar kemm huwa traskurat u jhalli f' idejn in-nies tieghu. L-esponent addirittura gab il-prova li, fil-mori tal-proceduri, huwa kien hallas l-ammont effettivament dovut lid-Dipartiment darbtejn u lanqas biss talab *refund*! Huwa facli li tghid li int traskurat. Kien ghalhekk li l-esponent ma llimitax ruhu ghal semplici dikjarazzjoni izda gab il-provi ta' dan. Minflok ma tat konsiderazzjoni lil dawn il-provi inkonfutabbli, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ezami tad-dokumentazzjoni misjuba fl-ufficcju ta' l-esponent u wasslet ghall-konkluzjoni li l-kongetturi li

ghamlet kienu jimminaw il-kredibilita` ta' l-esponent. Jinghad bl-akbar rispett li din il-kwalita` ta' evalwazzjoni hija wahda ghal kollox selettiva u zbilancjata.

Illi x-xhieda direttament involuti kienu tlieta – Carmel Sammut, Jesmond Abela u l-esponent. Id-difiza lealment stqarret – u dan isib konferma fis-sentenza appellata – li Carmel Sammut ma kienx xhud kredibbli nonostante li x-xiehda tieghu tezonera lill-esponent. Il-fatt jibqa' li dawn it-tlett persuni taw tlett versjonijiet differenti. L-unika versjoni korroborata bid-dokumentazzjoni kienet dik ta' l-esponent li dejjem stqarr li dak li sar minn Nigel Abela sar *ad insaputa* tieghu u mhux bi qbil mieghu. Jerga' jinghad li d-dubju ghandu dejjem imur favur l-akkuzat u mhux favur il-prosekuzzjoni – u favur bi dritt u mhux bi pjacir. Sabiex issir gustizzja ma jista' qatt isir apprezzament selettiv ta' l-evidenza kif sar f' dan il-kaz. Il-provi tad-difiza ma humiex ostakoli li necessarjament iridu jigu sorvolati. Ghandhom jigu evalwati b' serenita` u minghajr pregudizzju flimkien ma' dawk tal-prosekuzzjoni u mhux injorati jew mwarrba donnhom ta' xi kwalita` inferjuri. A parti minn hekk il-provi jew il-korroborazzjoni tal-provi ma jsirux bil-kongetturi. Qed jigi sottomess bl-akbar rispett li t-tahwid fil-provi tal-prosekuzzjoni kellu jwassal ghall-liberazzjoni ta' l-esponent u l-konsistenza u provi tad-difiza kellhom iwasslu ghall-liberazzjoni iktar serena jekk qatt kien hemm bzonn.

Illi it-<u>tieni aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel aggravju, anke jekk wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-esponent kien konsapevoli ta' dak li kienu qieghdin jaghmlu Jesmond Abela u Nigel Abela, dan l-ghemil ma jikkonsistix ir-reat kontemplat fl-artikolu 308 jew 309 tal-Kodici Kriminali [il-Qorti tal-Magistrati naqset li tiddeciedi liema kien ir-reat li tieghu kien qed jinstab hati essendo dawn ir-reati manifestament alternattivi] jew, fl-aghar ipotesi, kien jikkostitwixxi biss tentattiv ta' wiehed minn dawk ir-reati.

Illi l-gurisprudenza taghna hija cara f' dan is-sens u gie diversi drabi ritenut li mhux kull forma ta' lokupletazjoni ossia arrikkiment maghmul a dannu ta' haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli

taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat).[1]

Illi f' dan il-kaz irrizulta li l-esponent ma ghamel ebda gwadann u lanqas ma d-Dipartiment tal-VAT ma sofra xi telf patrimonjali minhabba l-agir tieghu. Jirrizulta li qabel ma dahal Jesmond Abela fix-xena l-esponent kellu d-dejn mad-Dipartiment. Dan id-dejn naqas apparentement bl-operat ta' Nigel Abela, u rega' gie ripristinat u effettivament thallas. Pero` fl-ebda mument ma d-Dipartiment hareg xi flus mhux dovuti lill-esponent. Ghalhekk ma jistax jinghad li d-Dipartiment sofra xi telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-esponent.

Illi fl-eventwalita` li l-Qorti ma taqbilx ma' dan ghaliex l-operat ta' Nigel Abela – *nonche` ad insaputa* ta' l-esponent – kien intiz biex igib telf patrimonjali lid-Dipartiment, qed jigi sottomess li galadarba id-Dipartiment ma sofra ebda telf, l-esponent setgha jinstab hati biss ta' tentattiv tar-reat.

Illi it-<u>tielet aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel aggravju, il-piena ta' tlettax (13) –il xahar prigunerija effettiva hija manifestament sproporzjonata u hija prova tal-pregudizzju li kellha l-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tal-fatt li l-esponent kkontesta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi qed jinghad bl-akbar rispett – u qed jinghad hekk ghaliex ma hemm ebda raguni ohra plawsibbli – li l-esponent gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati fit-8 ta' Jannar, 2010 u cioe` meta, mistoqsi x' iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontrih, huwa wiegeb "*mhux hati*" (vide fol. 23 ta' l-atti processwali).

---

[1] Ara, per ezempju, is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** (12.02.1999) u **Il-Pulizija v. Philip Petroni** (16.03.1999).

Illi l-esponent kellu dritt jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih u infatti gie lliberat mill-akkuzi serji ta' komplicita` f' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u *trading in influence*.

Illi, a differenza tieghu, ix-xhud Emmanuele sive Jesmond Abela instab hati, fuq ammissjoni, tar-reati ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku, ta' *trading in influence* u ta' truffa / frodi innominata. Ciononostante il-Qorti tal-Magistrati, b' sentenza tad-9 ta' Settembru, 2009, ikkundannatu tmintax (18) –il xahar prigunerija sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin. Wiehed hawnhekk irid izomm f' mohhu li l-uniku attenwant li Abela kellu kien proprju l-ammissjoni bikrija tieghu in kwantu, skond il-versjoni moghtija minnu, kien proprju l-agir skwallidu tieghu li induca lill-esponent fl-agir tieghu f'mument ta' diffikolta`. Ir-responsabbilita` oggettiva ta' Jesmond Abela kienet ferm aktar serja minn dik ta' l-esponent li semplicement talab li jitnehhew l-interessi u l-multi. Huwa f' dan is-sens li qed jinghad li l-esponent gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati fit-8 ta' Jannar, 2010 meta wiegeb "*mhux hati*".

Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v Salah-Aldin M. M. Bin Abdo Alslam et.** *(05.12.2003)*[2] fejn intqal li Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha qatt tikkarga d-doza tal-piena minhabba s-semplici fatt li l-hati ma jkunx ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom jew ma jkunx ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, jew addirittura jkun ikkontesta l-kaz u jkun instab eventwalment hati. Huwa proprju dak li ghamlet hawnhekk il-Qorti tal-Magistrati – ikkargat id-doza tal-piena minhabba s-semplici fatt li l-esponent ma ammettiex fi stadju bikri tal-proceduri. Is-sentenza appellata hija perikoluza ghaliex tibghat messagg car lil min irid jikkontesta l-akkuzi kif ghamel – u kif kellu dritt jaghmel – l-esponent.

Illi, a parti mill-premess, ghandu jizdied li dan huwa kaz ta' *return* wahda fejn id-Dipartiment tal-VAT ma ghamel ebda telf. L-ammont dovut gie mhallas mill-esponent darba darbtejn. L-unika gustifikazzjoni ghall-piena erogata kienet il-fatt li kkontesta l-akkuzi migjuba kontrih. Din hija ingustizzja li timmerita li tigi rettifikata.

---

[2] A skans ta' ripetizzjoni, l-esponent jaghmel pjena referenza ghall-awtoritajiet Inglizi fiha citati.

Illi r-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet tikkundanna lill-esponent ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' € 1,350.33 rappresentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

Illi din il-kundanna saret fit-termini ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. L-uniku spejjez li saru f' din il-kawza kienu spejjez konnessi man-nomina ta' Dr. Patrick Valentino biex jaghmel l-inventarju ta' l-assi ta' l-esponent. L-artikolu 533(1) jitkellem fuq "l-*ispejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti*". Skond l-artikolu 650(1) ta' l-imsemmi Kodici espert jew perit jinhatar ghall-"*hila jew sengha specjali*" tieghu. Bil-kemm hemm ghalfejn jinghad li r-redazzjoni ta' inventarju ma tirrikjedi ebda hila jew sengha specjali u ghalhekk, fl-eventwalita` li l-Qorti jkun jidhrilha li trid ittaffi l-*workload* tar-Registratur b' nomina bhal dik ta' Dr. Patrick Valentino, certament m' ghandiex taddossa l-ispejjez inkorsi fuq l-imputat li jkun.

Illi dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li, in kwantu f' dan il-kaz qatt ma kien hemm rikavat – infatti lanqas ma gie applikat l-artikolu 23B tal-Kodici Kriminali – it-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 23A da parti tal-prosekuzzjoni kienet bl-akbar rispett wahda kapriccuza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi quddiem l-Ewwel Qorti gew prezentati estratt mill-att ta' twelid u l-fedina penali tal-appellant.

L-**Ispettur Angelo Gafa'** xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qal li ghal habta ta' Marzu, April tas-sena elfejn u disgha (2009) il-Pulizija kienet qed tinvestiga allegazzjonijiet rigward kaz ta' frodi gewwa d-Dipartiment tal-VAT kif ukoll involut ma' dan il-kaz allegatament kien hemm ukoll kazijiet ta' tixhim. Fost l-ohrajn, il-Pulizija kellha informazzjoni rigward certu Joseph Vella li huwa Direttur ta' diversi kumpaniji fosthom Ta' Natu, Blue Angel Limited, Fotudol Limited u Dismar Company Limited. Fost affarijiet ohra, l-informazzjoni kienet li s-Sur Vella kellu kaz pendenti fil-Qorti rigwardanti kaz mal-VAT department u ried li jwaqqa' dan il-kaz tieghu l-Qorti, li dan il-kaz jaqa' kif ukoll l-ammont dovut fid-Dipartiment tal-Vat jitnaqqas. Huwa kien interroga lil imputat li gharaf fl-awla, gie interrogat fil-hamsa (5) u sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn kien ammetta li kien talab l-assistenza ta' certu Jesmond Abela maghruf bhala l-Hajta u dan sabiex iwaqqalu multi u interessi pendenti mad-Dipartiment tal-Vat u dan in konnessjoni mal-kumpanija Dismar Company Limited. Jirrizulta u kien jaf l-imputat li Jesmond Abela kien irnexxielu f'din il-bicca xoghol pero' minkejja dan kollu, l-imputat fl-istqarrijiet tieghu kien innega li qatt xi darba ghadda xi flus lil dan Jesmond Abela sabiex jikkorrompixxi Ufficjal jew lil xi hadd iehor gewwa d-Dipartiment tal-VAT. Jesmond Abela fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) kien rega' kkonferma wara li kien gia' qallu b'dan kollu, kien rega kkonferma li fil-fatt kien ircieva s-somma ta' elf euro minghand -imputat u din forma ta' *bribe* sabiex dan jghaddiha lil xi ufficjal gewwa d-Dipartiment tal-VAT. Jesmond Abela kien anke qal dan id-diskors fil-prezenza tal-imputat u cioe' kien ghamel konfront bejn il-partijiet fejn Jesmond Aela kien ikkonferma li kien ircieva elf ewro minghand l-imputat sabiex jikkorrompi ufficjal gewwa d-Dipartiment tal-VAT izda l-imputat baqa' jinnega dan kollu. Il-Kumpanija Dismar company Limited vat numru 10117713 kienet ghall-ahhar snin dejjem tissottometti *Nil returns* gewwa d-Dipartiment tal-Vat izda ghal perjodu Novembru sa Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) din ir-return li tkopri dan il-perjodu li dahlet gewwa d-Dipartiment tal-VAT fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) kienet dahlet bi credit balance ta' hdax-il elf, seba' mija, wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€11,721.45) u dan kien jirrizulta li kien il-bilanc li l-kumpanija kellha dovut mad-Dipartiment tal-VAT u ghaldaqstant b'din ir-return dan il-kredit kien inqata l-bilanc kollux dovut lid-Dipartiment tal-VAT. Meta kienu gabu din ir-return, kien jirrizulta li din ir-return

kienet allegatament giet mimlija u anke ffirmata minn certu Nigel Abela li kien Ufficjal gewwa d-Dipartiment tal-VAT u kien '*il-percimes il-mohh.*' Mill-investigazzjonijiet kien irrizulta li kien il-mohh f'dan il-kaz ta' frodi u korruzzjoni u li apparti dan il-kaz, kien f'kazijiet ohra l-istess mela returns u dahhal returns gewwa d-Dipartiment tal-VAT bi credit balance biex dak li jkun it-tax payer l-ammont dovut lid-Dipartiment tal-VAT jonqoslu sistematikament. Meta rega ra din ir-return kien rega interroga lis-Sur Vella fejn ikkonferma mieghu li l-kumpanija Dismar Company Limited kienet sa mis-sena elfejn u hamsa (2005) dormant. Ikkonferma ukoll li bi-sahha ta' dik ir-return il-bilanc dovut lid-Dipartiment tal-VAT *gie set off* u din kienet giet moghtija lilu minghand Jesmond Abela, il-kopja s-safra taghha. Ikkonferma li l-figuri fuq dik ir-return kienu foloz u kkonfermalu ukoll li la l-kaligrafija u lanqas il-firma fuq ir-*returns* ma kienu tieghu u lanqas jaf ta' min huma. Waqt l-investigazzjonijeit kienu gabru l-file rispettiv tal-kumpanija minghand is-Sur Vella u ta' dan kien inghata rcevuta. Ghar-rigward il-kumpanija l-ohra l-VAT numbers tal-imputat specifikament VAT numbers 17201196, vat number 10593028, vat number 10028121 u vat number 16555818, l-investigazzjonijiet li ghamlu huma irrizultaw fin-negattiv u ghaldaqstant il-kaz kontra l-imputat jikkoncerna biss rigward Dismar Company li ghandha vat registration number 10117713. Huwa esebixxa bhala Dok AG1 letter to prosecutre datata l-ghaxra (10) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) mahruga mid-Dipartiment tal-VAT iffirmata minn Joanne Hefney dak iz-zmien Agent Direttur Generali u dan sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat Giuseppe Vella. Bhala AG2 esebixxa stqarrija li l-imputat kien irrilaxxa mieghu fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) fl-4:06pm din l-istqarrija ttiehdet wara debita twissija skont il-ligi fil-prezenza tas-Surgent 474 Norbert Said li hi komposta minn zewg faccati u fuqha gharaf il-firem tieghu, tal-imputat li gharaf fl-awla bhala l-istess persuna li rrilaxxa din l-istqarrija kif ukoll il-firem tas-Surgent 474 Norbert Said. Esebixxa bhala Dok AG 3 stqarrija ohra li l-imputat kien irrilaxxa l-ghada fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009). Din nghatat wara debita twissija skond il-ligi. Fuqha gharaf il-firem tieghu, tal-imputat u tas-Surgent 474 Norbert Said li kien prezenti ghal din l-istqarrija. Esebixxa bhala Dok AG 4 denunzja tal-VAT originali fir-rigward tal-Kumpanija Dismar Company Limited vat number 10117713 li tkopri l-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) u li tidher li

giet sottomessa gewwa d-Dipartiment tal-vat fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghalqet bi kreditu dovut mid-Dipartiment tal-VAT lit-tax payer ta' hdax-il elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€11,721.45). Xehed li Dok AG4 huwa dokument originali. Esebixxi ukoll bhala Dok AG 5 history tat-taxpayer rispettiv tan-numru tal-VAT 10117713 li juri li fid-data li nharget din il-history u cioe' fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) il-bilanc kien ta' zero allura nqata' kollu u juri wkoll li precedentement ghar-return rispettiva li esebixxa bhala Dok AG 4 ir-returns kienu qed jidhlu *nil* u din imbaghad dahlet bi *credit balance*. Bhala Dok AG6 ricevuta li nghata l-imputat mis-Surgent 474 Norbert Said ghar-rigward ta' file li kien gie elevat minghandu u il-kontenut tieghu kien talab lil imputat Joseph Vella sabiex jiffirmah fil-presenza tieghi. Esebixxa bhala AG 7 sentenza datata t-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-ismijiet 'Pulizija Spettur A P Miruzzi versus Giuseppe Vella' li tirrigwarda l-imputat. Esebixxa sentenza ohta fil-konfront tal-imputat immarkata bhala Dok AG 8 datata l-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

In kontro ezami qal li '*Qed nigi mistoqsi kemm huwa l-ammont, 721.45 euros. M'hiniex infurmat fil-kaz hawn tal-Vat u jixhdu dwarha.*'

**Joanne Hefney** Director Operations mal-VAT Department xehdet fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qalet li vat registration number 10117713 jghajjat lil Dismar Company Limited bin-numru tal-kumpannija C 14793. Intalbet tesebixxi kopji awtentiċi tal-VAT returns ghal perjodu minn Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) u prezentat kopja tad-denunzja bhala doK JH1. Giet murja Dok AG4 u kkonfermat li l-kopja li ghadha kemm esebiet bhala Dok JH1 hija fil-fatt il-kopja tad-dokument AG 4. Id-dokumennt AG 4 kien id-Dipartiment taghhom li ghaddiha lil Pulizija. Qabel din id-denunzja gew sottomessi wiehed u erbghin (41) return li jkopru l-pperjodu minn Jannar tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) sal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Ir-return tax overall fuq dawn il-wiehed u erbghin (41) denunzja kien ammont pagabbli ta' sitt elef, seba' mija u tlieta u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€6,733.31). Xehdet li dahlet din id-denunzja ghal perjodu minn Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sa Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) li fiha ntalab hdax-il elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u

erbghin centezmu (€11.721.45). Wara din id-denunzja kellhom jigu sottomessi tlett denunzji li s'issa ghadu ma dahal xejn minnhom id-Dipartiment. Dawn it-tliet (3) denunzji jkopru l-perjodu minn Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) sal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009). Kien hemm tmintax (18) -il denuznja inkluzi dawn it-tlieta (3) li semmmiet dan l-ahhar illi gew sottomessi wara d-*due date* u kien hemm denunzja wahda li ghalkemm kien hemm VAT x'jithallas dan ma thalllasx maghha. Intalbet ukoll tghid jekk kien hemm refunds li hargu lil kumpanija u jekk le ghaliex u qalet li r-refund claim f'dan il-perjodu in kwistjoni jigifieri minn Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sa Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) ma harigx ghaliex intuza biex jissetilja parti minn bilanc li kien dovut lid-Dipartiment rigward previous tax period. Xehdet li kellha tikkonferma jekk '*amount exceeding 239.37 owning by tax payer to Vat department were deducted from the credit balance declared by tax payer*' u kkonfermat li hdax il-elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€11,721.45) marru biex ikopru bilanci dovuti mill-kumpanija lid-Dipartiment. Ma tafx kemm kien il-bilanc qabel ma dahlet din ir-return. Dwar Dok AG4 qalet li waslet fid-Dipartiment fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) allura bis-sahha ta' dak il-kreditu l-bilanc gie jaqra zero u l-account enquiry li kkonfermat li printjatu fis-sitta (6) ta' April u cioe' dokument AG5 li juri bilanc zero. B'dik id-denunzja inqatghu l-bilanci li kien hemm. Mistoqsija jekk qabel ma dahlet dik ir-return fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) id-Dok AG4, jekk il-bilanc kien l-ammont li kien qed jiklejmja l-imputat fir-return tieghu wiegbet li iva hdax-il elf, seba' mija wiehed u ghoxrin u hamsa u sebghin centezmu (€11,721.75). Id-Dipartiment kiteb tlett darbiet lil kumpanija, fit-tlieta (3) ta' Novembru, fit-tnejn (2) ta' Dicembru u ohra inharget issa u s'issa ma kellhom l-ebda response minn naha tal-kumpanija meta talbu d-dokument biex jaghmlu l-verifiki taghhom jekk intalbitx korrezzjoni le. Ikkonfermat li sal-lum l-imputat ghadu b'dik id-denunzja.

In kontro-ezami ikkonfermat li fid-denunzja Dok AG 4 fl-ahhar kollona hemm miktub aggustament tal-Vat favur dipartiment, aggustament favur persuna registrata u huma blank. Ikkonfermat li huma blank, qalet li '*Dawn iz-zewg kaxxi qeghdin hemmhekk biex meta jkollok kumpanija li taghti mixed supplies dawk li huma exempt without credit li fuqhom m'ghandhomx dritt ghar-refund u jew taxxabli jew exempt with*

*credit dik il-kumpanija meta tkun qeghda titlob ir-refund tal-Vat timxi fuq ratios tas-sena ta' qabel. Ghaliex ? Ghaliex ir-ratios tas-sena kurrenti ma jkunux maghrufa qabel ma taghlaq dik is-sena'*. Minn l-ammont li hemm isfel il-hdax-il elf huwa l-ammont li jrid jiehu li huma excess ta' kreditu li jfisser li qed jintalab dak l-ammont ta' refund. Iz-zewg kaxxi li semmghiet id-difiza ma ghandu xejn x'jaqsam mal-kreditu, huma haga separata. Id-denunzja waslet fl-erbgha (4) ta' Marzu u wara ma kien hemm xejn izjed x'jaghti. Dak il-kreditu li ntalab il-bilanc li kien hemm gie off setted wiehed kontra l-iehor.

Giet murija dokument datat l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u disgh (2009) li gie esebit mid-difiza bhala Dok GV1. Ikkonfermat li bid-denunzja u l-pagament l-bilanc gie zero. Mistoqsija li hi qalet li '*l-ammont denunzjat kien jirrispekja, dak li kien qed jippretendi bhala refund il-klijent tieghi kien jirrispekja ezatt l-ammont dovut minnu u inti ghidt allura wara li saret id-denunzja ma kien dovut xejn u jien qed nghidlek li ma jistax ikun li inti korretta ghaliex f' April sar pagament u inthom accettajtu tali pagament*' b'referenza ghall-istaement li harget fis-sitta (6) ta' April Dok AG5 spjegat li 'l-bilanc hemmhekk qd jidher zero. Jidher li bejn return u d-data li pprintjajt dik dahal pagament illi bih gie bilanc zero. Ikkonfermat li qabel hi kienet skorretta u li jirrizulta li kien baqa bilanc xorta. Ix-xhud esebiet ukoll Dok JH2.

**PS 474 Norbert Said** xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn gie muri dokumenti AG 2 u AG3 esebiti kif ukoll id-dokument AG 6 u qal li fil-hamsa (5) ta' April u s-sitta (6) ta' April fejn kien prezenti waqt l-istqarrija ta' Joseph Vella li gharaf fl-awla u li wara li nghata s-solitu twissija li mhux obbligat li jwiegeb ghal kull domanda li ssirlu, ghazel li jiffirma. Fis-sitta (6) ta' April ukoll ghamel ircevuta ta' file ahmar imma ma kienx prezenti waqt it-tfittxija. Ix-xhud ghamel referenza ghal dokument AG2 u AG3.

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) id-difiza ezentat lil prosekuzzjoni mill-konferma tal-identita' fis-sentenzi esebiti bhala Dok AG7 u AG8.
Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti b'referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni dedotta fic-citazzjoni issekwestrat f'idejn terzi b'mod generali l-assi kollha li jkunu dovuti lil imputat jew li jkunu propjeta' tieghu. In oltre, il-Qorti ipprjobixxiet lil akkuzat milli jittrasferixxi bi kwalunkwe mod u jew jipoteka

b'kwalunkwe mod il-proprjeta' tieghu, mobbli jew immobbli. Il-Qorti ordnat li l-imputat jista' jibqa jircievi s-salarju tieghu fl-ammont li ma jeccedix l-€13,976.00. L-Ewwel Qorti f'dik is-seduta ordnat lir-registratur li jaghamel id-debita pubblikazzjoni ta' dan id-digriet u innominat lil Dr. Patrick Valentino biex jaghmel l-inventarju tal-assi tal-imputat u ordnat wkoll li min jaghti informazzjoni dwar l-assi lill espert nominat ghandu jikkonferma bil-gurament quddiem l-istess espert.

Nigel John Abela ddikjara li stante li hemm proceduri pendenti kontra tieghu, huwa ghazel li ma jixhidx.

**L-Ispettur Angelo Gafa'** rega xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn esebixxa memorandum and articles of association tal-kumpanija Dismar Company Limited. Dan gie esebit bhala Dok AG9.

**Frederick Camilleri** xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qal li huwa accountant Ta' Natu Limited li hija kumpanija ta' Guzeppi Vella. Huwa gharaf l-imputat l-awla. Xehed li l-imputat ghandu apparti ta' Natu Limited, ghandu wkoll Fortudol Limited, Blue Angel Limited u kumpanija ohra Dismar Company Limited imma dak l-accounting ma jaghmlux hu ghax dak jigi l-awditur fl-ahhar tas-sena u jaghmel l-accounting. Ta' Dismar ma jaghmlux hu ghax tant huma ftit it-transactions, hafna drabi l-maggor parti ma jkollhom xejn transactions u peress li Dismar Limited hija parti wkoll. Qal li mhijiex kumpanija operativa allura ma hemmx accounting xi zzomm. Kien jigi l-awditur fl-ahhar tas-sena, jkun hemm xi spejjez zghar li sempliciment kienu jkunu bhal audit fee u dak kollox. Ma kienx hemm inkartamenti x'jiprepara, ma kienx hemm transactions. Il-kumpanija ila ftit ma topera, jahseb li minn mindu xtraha s-Sur Vella jigifieri qrib l-elfejn u wiehed (2001), elfejn u tnejn (2002). Mistoqsi '*Jigifieri qatt m'operaha din il-Kumpanija*', wiegeb '*Le, le*' Xehed li '*Tad-Dismar li gara hu li s-Sur Vella kellu Ta' Natu Supermarket. Kellu kumpanija ohra li kienet topera Supermarket ukoll hdejja kien jismha Dismar u s-Sur Vella xtraha.*' Qatt ma operat u ghamel supermarket wiehed. Ix-xhud gie muri il-VAT return immarkata bhala AG 4 li hi denunzja li gharaf li kien urieh l-ispettur. Qabel ma uriwielu d-Depot qatt ma kien rahha. Il-kitba mhijiex tieghu. Normalment id-denunzji tal-VAT ta' Natu, tal-Fortudol jiehodhom hu pero kien hemm perjodu li ma hax hsiebhom hu ghax ghamel xhur rikoverat l-isptar. Jghid li

fl-2008 ghamel xi tlett xhur minn Lulju sa Ottubru. Mistoqsi jekk tax handover lil xi hadd wiegeb li '*Probabbli kienu jaghmluha jew fuq ix-xoghol tieghi jew is-Sur Vella forsi kien iqabbad lil xi hadd iehor uh*'. Huwa kkonferma li fil-perjodu indikat u cioe' bejn l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2008) u l-wiehedu tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) il-Kumpanija Dismar Company Limited ma kinitx topera, la xtrat u lanqas bieghet. Jghid sa fejn jaf hu. Sa fejn jaf hu ma kellux invoices, ma gew invoices taghhom quddiemu. Lil Carmel Sammut imlaqqam bhala t-Toxak jafu jahseb minn wiccu ghax jixtri minn Ta' Natu bhala klijent imma ma kienx jaf li jismu Carmel Sammut. Lil Jesmond Abela l-hajta sar jafu wara li urieh r-ritratt l-Ispettur ghax ma kienx jaf x'ismu. Jaf li gie darba jew darbtejn l-ufficju tas-Sur Joe. Mieghu qatt ma kellu laqgha personali wahdu. Qal li '*kont qieghed xoghol, ghajjatli s-Sur Vella biex ingib xi files, nizzilthom isfel*'. Files tal-kumpanija tad-Dismar tal-accounts u nizzlu isfel u qalli '*hu photocopy tal-kopja tal-VAT return hadt il-kopja u tajtha lis-Sur Vella*'. Mhux il-VAT return li gie muri fl-awla. Kienet VAT return li d-Dismar kellha taghti lil VAT Department. Kien hemm sena minnhom fejn id-Dismar kienet ghamlet invoice lil ta' Natu fejn kienet qed tikri l-post tad-Dismar. Ikkonferma li l-photocopy tar-return fejn jirrizulta dan l-ammont dovut lil VAT Department li ntalab jaghmel photocoopy. Tad-Dismar qatt ma dahhal pagamenti fid-Dipartiment tal-VAT biex jotqol l-ammont pendenti tad-Dismar. Ma Jesmond Abela kien ma iehor darba minnhom. Din il-laqgha kienet ghal habta ta' Ottubru, Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghax ma kienx ilu hafna li hareg mill-isptar.

**L-Ispettur Angelo Gafa** xehed fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn esebixxa l-file indikat fl-ircevuta bhala Dok AG 6, liema file kien gie elevat minghand l-imputat u li jikkontjeni d-dokumenti relattivi ghal kumpanija Dismar Company Limited VAT returns u kull dokuement iehor relatat mal-VAT ta' din l-imsemmija kumpanija. Huwa file jikkontjeni 160 faccata u kull faccata hija ffirmata mill-imputat bhala konferma li kienu gew elevati minghandu. Dan gie esebit bhala Dok AG10.

**Emanuel sive Jesmond Abela** xehed fis-seduta tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn ikkonferma li bhala parti minn din l-investigazzjoni kienu ttiehdu proceduri kontra tieghu u dawn kienu gew decizi u kkonfermati mill-Appell. Il-laqam tieghu huwa '*Il-hajta.*' Lil imputat laqghu it-Toxakk mieghu. Lit-Toxakk jafu

L-Belt il-ground ghax jafu li hu mill-Belt propja. Laqqghu mieghu il-Mosta hdejn is-Supermarket ta' Natu. Ghax it-Toxakk kien qallu li ghandu habib tieghu jew xi hadd jafu, ghandu xi numru ta' VAT irid jaghlqu. Spjega '*qalli ara tafx lil xi hadd forsi nirrangawlu jara kif jista' jirrangalu*'. Mistoqsi jekk jafx ghalfejn gie fuqu it-Toxakk u jekk kien jaf lil xi hadd hu, wiegeb li 'No d-diskors gie bhac-cirasa. Konna qed nitkellmu qed tifhem u mbaghad jiena qed tifhem kont naf lil certu wiehed Nigel Abela' li sa fejn jaf hu jahdem il-VAT bhala accountant u jaghmel xi accounts xoghol. Mistoqsi biex jaghlaq account kellux ghalfejn ikellem lilu, wiegeb li '*Jien ma nifhimx fis-sistema tal-VAT kif tahdem qed tifhem. Pero' Nigel kien qalli ghax lil Nigel ma kontx ilni nafu, kien qalli jkun hemm xi hadd ghandu xi haga xi problema fil-VAT ghidli qed tifhem u nkun nista' nirrangalu. Issa jien ma nafx kif tahdem is-sistema qed tifhem. Kien talabni Nigel biex igiblu n-numru tal-VAT ta' din il-persuna, tas-Sur Vella u gibtulu*'. Il-bilanc tal-kont kien xi ghaxar, tnax il-elf, xi haga hekk li ghandu jaghti lil VAT Department sa fejn jaf hu. L-imputat qallu li kellu jaghti xi tnax-il elf. Nigel qallu li ghandu jaghti hafna. L-imputat qallu '*ara x'jista' jirrangali*' spjega '*Jew jigifieri jhallashom, ma nafx certu zmien stipulat jew inkella jahfirhom*'. L-imputat talbu biex jara x'jista jirrangalu biex jaghlaq il-VAT number. Jekk jistax ma jhallashomx '*ghax xi multi*'. Meta kellem lil Nigel qallu jahirhomlu dawk. Nigel qal li setgha jaghmilha din il-haga u talab elf ewro u mar bit-talba ghand Joe. Joe qallu '*all right qalli ha jirrangali*' u hallas elf ewro. Jghid li kien l-Ingilterra. Spjega li x'hin gie mill-Ingilterra u gab flokk ta' Ronaldo lil Nigel qallu '*llum f' xi l-hamsa x' hin nispicca mix-xoghol nghadi l-Imsida tal-Bocci l-Imsida. U qalli ghid lil Joe biex hemmhekk irrangajtlu biex itini elf euro*'. Cempel lil Joe, tah elf ewro u iltaqa ma' Nigel. Ikkonferma li l-elf euro tahomlu l-imputat u ghaddhiom lil Nigel meta mar jaghtih il-flokk ta' Roanldo. Il-flus tahomlu tal-Bocci l-Imsida. L-elf euro (€1000) taghhom lil Nigel u qabad hames mija (500) minnhom u tahom lilu personali. L-elf euro tahomlu ghax Nigel qallu irrangajtlek. VAT qallu gejt b'xejn ma ghandux jaghti. Minhabba dawk il-hames mitt ewro (€500) ttiehdu l-passi kontra tieghu u ammetta. Lil Nigel il-flus tahomlu l-Bocci l-Imsida u mar ghalihom minghand l-imputat mill-Mosta. Jghid li Nigel tah 5000 u ma zammlux flus tal-flokk. L-Ingilterra mar holiday jara l-futbol. Jekk mhux sejjer zball kien Marzu ta' sentejn ilu. Dam imsiefer xi gimgha ra football ta' champions league.

In kontro-ezami ikkonferma li meta ta' l-flus lil Nigel l-imputat ma kienx mieghu l-Imsida. Ikkonferma li diskors li sar ma' Joseph Vella l-akkuzat kien qasir. Ikkonferma li qal li ghandu kont tal-VAT li jixtieq jaghlqu. Spjega li '*darba qalli jekk ma nhallas xejn ahjar uh*'. Mistoqsi jekk qatt qallu li indispost li ma jrid ihallas xejn wiegeb '*Dak kien l-intenzjoni sija ta' John, ta' min qabbadni mieghu u sija tieghu*'. Jghid li forsi ha zball meta xehed li qallu jew ihallsu jew inkella jiffrankahulu. Nigel kien qalllu '*dak mhu ser ihallas xejn dak kollox clear*'. Mistoqsi jaf li ma kienx kollox clear ghax l-kont jindika li ghad baqalu jhallas wiegeb '*Ma nafx jien onestament ma nafx kif tahdem is-sistema jigifieri jien la nahdem il-VAT Department, jien ma nafx kif tahdem is-sistema. Jekk jien Nigel li qieghed hemmhekk jghidli hemmhekk isma Peppi jew Cikku clear heq clear uh*'. Sa fejn jaf hu Nigel qatt ma ltaqa mal-akkuzat.

In ri-ezami ikkonferma li lil-imputaat kien tahh kart ali ghaddielu xi hadd. Jghid li jaf li karta safra. Gie muri dokument AG 10 u qal li ghalkemm ma qaghadx jaghti kaz tal-kontenut tad-dokument likellu din kienet formola bhal dawk li jiffurmaw parti mid-dokument AG10.

Fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) giet ipprezentata nota tar-Registratur, Qrati u Tribunal Kriminali (Malta) rigward d-digriet tas-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern u li informa lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta u Ghawdex.

**Paul Scicluna** Spettur fi hdan il-VAT Department xehed fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) spjega li d-dipartiment gie mitlub sabiex jixhed dwar il-pendenza ta' rifuzjonijiet dovuti minn Giuseppe Velala fuq VAT number 10117713 lil istess dipartment. Xehed li s-socjeta' Dismar Co Limited isottomettiet korrezzjoni sabiex treggi lura revizjoni ta' VAT mitluba permezz ta' denunzja li kienet tkopri perjodu minn Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sa Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Illum is-socjeta baqalha bilanc dovut lid-dipartmiment u coe' taxxa netta dovuta ta' erbat'elef, disgha u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€4079.29), il-kumplament huma penali u interessi dovuti lid-dipartiment li jammontaw ghal cirksa hdax-il elf ewro (€11,000) ohra. Bilanc totali dovut lid-Dipartiment illum huwa ta' hmistax-il elf, sitt mija u tnejn u disghin ewro (€15692) li minnhom thallsu elf u hames mitt ewro (€1500) il-gimgha li ghaddiet.

**Dr Patrick Valentino** xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qal li permezz ta' digriet tas-sittax (16) ta' Gunju 2010 kien gie nminat mill-Qorti biex jaghmel inventarju tal-assi tal-imputat Giuseppe Vella flimkien ma' rapport dwar l-istess. Prezenta r-rapport li hejja bhala Dok PV 1. Flimkien mar-rapport esebixxi dokument li gie mmarkat bhala Dok RC li huwa dokument li rcieva u ricerki ta' Giuseppe Vella.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) rega xehed **Paul Scicluna** Spettur fi hdan il-VAT Department li qal li fl-ahhar seduta li kienet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) is-Sur Vella kien ghad baqghalu jaghti bilanclid-Dipartiment bilanc ta' tlettax-il elf u mitejn ewro (€13,200) ewro, liema bilanc thallas lilu fl-awla stess. F'Novembru li ghadda ghalhekk is-Sur Vella kien assalda l-pendenzi kollha mad-Dipartiment fil-konfront ta' Dismar Co Ltd. Jghid li ricentement ghalkemm ma ghandu l-ebda referenza ma dan il-kaz, kienet saret investigazzjoni separata mad-Dipartiment fejn kien instab li kien hemm mizantezzi zghar u nhargitlu assessment amministrative li jammonta ghal ghaxart'elef u tmien mitt ewro (€10,800) u li tista' tigi appellata mill-akkuzat fit-termini moghti mill-Ligi. Jghid li ma ghandu xejn x'jaqsam ma din il-kawza.

**Carmel Sammut** xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn ikkonferma li ttiehdu proceduri fil-konfront tieghu u li llum huma decizi. Huwa kien ammetta ghall-akkuzi. Ammetta ghax kien qieghed jistenna biex isiefer. Lill-imputat jafu. Jghid li jafu iktar minn ghoxrin (20) sena ghax kien jahdem ma' Kumpanija tal-Logic International fejn kienu jbieghu r-red bull u kien klijent taghhom. Kien qieghed ikellmu u rah inkwetat u kien ha jaghlaq l-istabbiliment fejn ghandu Supermarket ta' Natu. Qallu '*ha tkecci lil kulhadd 'il barra u ha taghlaq meta tista' thallas b' installments jien.*' jghid li '*kien hemm dan il-bniedem jismu Jesmond u ghidtlu jistax jirrangalu jhallashom installments u din qeghda fuq l-istatement ghalkem ma nizluhiex ha nindirizza lilek, minn naha tal-Gustizzja forsi nsew, jista' jkun kaz genwin. L-involviment tieghi kien li meta jiena laqqajt lis-Sur Vella ma' Jesmond biex ihallashom installments*' Jesmond li ghandu laqam il-hajta, s'hemm u telaq l-hemm ix-xhud. Ikkonferma li l-imputat kien inkwetat '*meta tkecci l-haddiema ma tkunx inkwetat*' Lil Jesmond ix-xhud kien jafu ghax mill-Imsida, sa fejn jaf Jesmond ma jahdimx. Jghid li Jesmond huwa bniedem li seta jirrangalu biex ihallashom installments '*Ghidtlu inti*

*taf lil xi hadd Jes ? Qalli iwa'*. Jghid li tista' ggib lil Jesmond u tikkonfrontah mieghu. Jghid li kien ghamel statement. Lil Jesmond il-Hajta hadu ghand is-Sur Vella u hadu ghand Joe. Jghid li kellimhom dwar l-affarijiet li kien hemm u telaq. Staqsieh jekk jafx lil xi hadd biex jirrangalu ghal instalments u telaq l'hemm. Ma jafx x'iddiskutew bejniethom. Wara ma rega kien involut f'xejn.

Fuq talba tad-difiza, gie pprezentat kopja tal-process 'Pulizija vs Emanuele sive Jesmond Abela' deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlettax (13) ta' Novembru, tas-sena elfejn u disgha (2009).

L-**Ispettur Angelo Gafa'** xehed in kontro ezami fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn qal li fl-istqarrija ta' Jesmond Abela mhux jara li inika l-post fejn gara dan l-att izda meta tela' jixhed kien indika li mar il-Mosta fis-supermarket tal-imputat. Jghid li kien hadu persuna maqqam it-Toxak li ukoll xehed f'dawn il-proceduri u qed jirreferi ghal Carmel Sammut. Jghid li dan sehh biex jitnaqqas l-ammont. Il-kumpanija Dismar kellha taghti lil VAT Department ma kinitx qed topera jekk jiftakar sew. Jekk biex igibu zero jew le ma jiftakarx pero' li l-ammont dovut tal-inqas jitnaqqas. Jghid li jekk xehed li l-iskop kien biex il-bilanc jigi zero, jista' jkun qal hekk. Dwar meta xehdet Joanne Hefney qalet li l-iskop kien li jigi zero pero meta sar il-kontro ezami irrizulta li ma kienx il-kaz. Mistoqsi ghamilx verifiki beix jara s-sitwazzjoni ezattament kif kienet, wiegeb li minn meta bdew il-proceduri ma regax kompla jinvestiga il-kaz. Ma regax ghamel verifiki. Lil Jesmond Abela kien investigah ukoll u ressqu l-Qorti u ammetta l-proceduri kontra tieghu. Ma jiftakarx jekk ressqux in konnessjni ma' dan il-kaz ta' Giuseppe Vella. Kienu tlett Spetturi meta investiga il-kaz, hu, l-Ispettur Abdilla u l-Ispettur Cilia. Jekk Jesmond Abela tressaq fuq dan il-kaz wiehed biss allura ma rrizultalux li kien involut f'kazijiet ohra. Ghax kieku kien jitressaq. Jghid li fiz-zmien l-investigazzjonijiet, kienu kontinwament qed jaghtu feedback lil xulxin biex jara x'qed jirrizulta fil-konfront tal-ohrajn. Ma jafx b'Mark Anthony Camilleri izda l-istqarrija ta' Manuel sive Jesmond Abela tindika lil xi hadd Mark mil-Mosta, ma jafx jekk l-istess persuna. Ma jidhirlux li jekk kontra dan Jesmond Abela fuq Mark ittiehdu proceduri.

Giet ipprezentata nota tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) rigward il-pubblikazzjoni ta' digriet tas-

sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-Gazetta tal-Gvern kif ukoll dwr li informa lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta u Ghawdex.

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed l-**imputat Giuseppe Vella** li qal li ghandu kwazi sittin (60) sena u li kellu supermarket u ghandu hanut iehor bil-hwejjeg Portomaso. Kellu supermarket daqsxejn imdaqqas, kien ihaddem bejn hamsin (50) u sittin (60) ruh fih. Kien fih xi elf metru kwadru. Dan il-hanut nehhieh xi xahrejn ilu. Il-hanut tal-hwejjeg ihaddem bejn hamsa (5) u sitt (6) nies. Ikkonferma li fis-sena elfejn u disgha (2009) kellu xi hamsa u sittin (65) persuna impjegata. Xoghlu huwa negozjant u ilu fin-negozju meta kellu tlieta u ghoxrin (23) sena. Meta hareg mill-iskola, beda jahdem go garage u mbaghad mar jahdem go pompa tal-petrol u mbaghad beda igib xi vannijiet mill-Ingilterra u spare parts u beda jibni xi haga u jbieghha u mbaghad beda in-negozju. Ikkonferma li kien ta' zewg (2) stqarrijiet f'April tas-sena elfejn u disgha (2009), wiehed fil-hamsa (5) ta' April u l-iehor fis-sitta (6) ta' April. Ikkonferma li meta ta' dawn l-istqarrijiet kien qieghed arrestat. Dam mill-Hadd xi s-saghtejn sal-ghada l-ghaxra ta' filghaja jghid li qisu xi tmienja u tletin (38) siegha. Dakinhar jaf x'qal fl-istqarrijiet u jahseb li anke llum jaf xi haga. Ikkonferma dak li qal fl-istqarrijiet.

B'referenza ghall-ewwel wahda li ta' fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) ghal xi l-erbgha ta' wara nofsinhar immarkata bhala Dok AG2 a fol 30 tal-process fejn kien gie mistoqsi jekk jahdem u x'jaghmel u fejn ikkonfrrma li kien wiegeb li fin-negozju, in-negozju jinvolvi ftit minn kollox, ghandu supermarket bl-isem ta' Natu, ghandu hanut tal-hwejjeg bl-isem The Fort u kultant jixtri u jbiegh vetturi u proprjeta. Kien ikkonferma li ghandu diversi numri tal-VAT registrati kemm f'ismu proprju u kemm f'isem il-kumpaniji tieghu. Kien irrisponda li kumpaniji li fuqhom ghandu numru tal-VAT huma Ta' Natu, Joe Vella, Blue Angel u Fortol. Ikkonferma li involut fil-kumpanija bl-isem Dismar u li ghandu numru tal-VAT fuq din il-kumpanija.

Xehed li l-kumpanija Dismar ma hi xejn hlief li kellu spermarket il-Mosta u mbaghad kien hemm Supermarket iehor ma' genbu u kien talab biex ibeghulu. Kien talab lil sidu imma kienu ta' tnejn shab, wiehed Dismar Azzopardi u iehor nesa' ismu. Huma rrispondewh qalulu s-supermarket inbieghuhulu pero' irid jixtri l-kumpanija halli

huma jaqtghu ghax iggieldu bejniethom. Qallu mela jixtri l-kumpanija, din kienet Dismar Limited. Isem tal-kumpanija baqa' l-istess imma xtara il-kumpanija mhux biex jixtri l-kumpanija, biex jixtri l-proprjeta. L-iskop tal-kumpanija Dismar kien ghal oggett wiehed il-ghaliex dawn it-tnejn li kellhom is-supermarket kien qieghed fuq il-kumpanija peress li kienu shab u biex jixtri l-proprjeta u jaghmilha maqghuda mas-Supermarket tieghu kellu jixtri l-kumpanija. Ghal daqshekk biss xtraha l-kumpanija. Din il-kumpanija kienet dormant ma taghmel xejn hlief darba jiftakar xis-sena elfejn u hamsa jew sitta jew erba' kienet tat kera lil kumpanija propja li jahdem biha Ta' Natu talli qed tuza l-properjeta taghha, darba biss hadmet. Din kienet thallset kera minn kumpanija ohra tieghu. Ikkonferma li giet krejata bhala an expense mill-kumpanija. Tali hadet il-kera fuq il-kera trid thallas u l-VAT daqshek biss. Darba biss intuza. Jghid li jahseb ila ghaxar (10) snin li ma jahsibx li qatt intuzat, zgur li ma ntuzatx. Ilha mejta zmien, sa kemm tela hawn il-Qorti u hallas li kellu jhallas maghluqa u anke qabel kienet dormant ma taghmel xejn.

Ikkonferma li kien mistoqsi jekk jaf lil Jesmond Abela maghruf bhala l-hajta u kien wiegeb li jafu kien introducieh mieghu habib tieghu li ma xtaqx jghid minn hu. Ikkonferma li dan il-habib huwa Carmel Sammut maghruf bhala t-Toschak. Lil Jesmond Abela sar jafu il-ghaliex hemm bniedem kien joqghod ma gembu jismu Toschak, mhux mill-Mosta imma gie joqghod ma genb il-hanut li huwa daqsxejn flirty. Kien jigi l-hanut u daqqa jaghtih flixkun whiskey u daqqa joqghod jiccajta mat-tfajliet u biex ikeccih 'il barra kien jghidlu biex jiehu flixkun Whiskey jew biex jiehu xi haga tal-ikel ghal kelb u jitlaq il-barra. Spjega '*U dahal darba ghidtlu halli Toschak ghax m' ghandiex aptitek illum. Qalli xi gralek? Ghidtlu ghax ghandi problema ma' tal-VAT*'. Il-problema kienet li kien ircieva xi karti biex ihallas xi VAT fuq id-Dismar u kien hemm ammnt daqsxejn esagerat ta' xi sitt elef ewro (€6000) u rah hafna. Jghid li ghax il-kumpanija wieqfa u ma tahdimx. Xehed '*Ghaliex ghandi nhallas sitt elef euro fuq kumpanija ma tahdimx. Qalli issa ghandi habib tieghi qalli u nghidlu nara jirrangalekx. Ghax ghidtlu awn kollha multi u nteressi. Ghidtlu kieku jirrangali biex iwaqqali l-multi u l-interessi allura nhallas. Qalli issa nkellimulek*'. Mistoqsi jekk jaf min hu dan il-habib, xehed li '*Nahseb kien qalli jismu Jesmond imma nahseb qalli Peppi ma nafux*'.

Jghid li accetta li jiltaqa' ma Abela ghax '*anke gieli gejt hawnhekk quddiem il-Magistrat kelli multa tal-bolol u tkun hafna l-multa u l-interessi. Tghidli mur irranga mad-Dipartiment u all right. Tmur id-Dipartiment ikollok*'. Mistoqsi x'jirranga wiegeb '*Ghax meta ma thallasx il-figuri ahna minnghalija kont tghallimt jghidulha l-pure tax jitlghulek hafna multi u nteressi. Meta tmur id-Dipartiment jghidulek all right ara kif ha thallashom. Jaghmlulek pagamenti fix-xahar u thallashom u jaqtghulek hafna multi u nteressi*'. Mistoqsi '*Inti lil dana Abela accettajt li tiltaqa mieghu minhabba biex inehhielek il-pure tax jew il-multi u l-interessi ?*' wiegeb 'Le jien il-multi u l-interessi jnehhili u nhallas it-taxxa li hija dovuta lilha. Qatt ma pruvajt inehhi it-taxxa jiena. Jghid li l-multi nehhiehom kemm qabel u anke meta kien fil-kawza f'kazijit ohra u anke wara din il-kawza kien gie hawnhekk. Jghid li jaghmluha hafna nies li jkunu traskurati fil-karti u li ma jhalsux it-taxxa fil-hin, allura jitilghu hafna multi u interessi. Titkellem mad-Dipartiment u jghidlek ha naqtalek din. Jghid li ghada sal-lum. Ikkonferma li qal fl-istqarrija li Jesmond irnexxilu jaghmillu dan kollu u frankalu hafna multi u nteressi tal-VAT. Lil Jesmond jahseb li iltaqa mieghu xi darbtejn, darba meta gabu Toschak l-hanut u darba ohra kien gablu l-karta s-safra tal-VAT li qabad u tewiha u tefaha fil-but ghax ma joqghodx jara karti. Xehed li '*Waddabtha fil-but u normali dak il-hin, l-ghada jew gimgha wara waddabha fit-tray li ghandi isfel fil-hanut u mbaghad titla fl-ufficju fuq u mbaghad jippustjawha fil-file li suppost tkun tal-VAT, tat-Taxxa, ta' Demajo*'. Mistoqsi min jippustjawha qal li '*Ghax isfel ghadna x-xoghol u titkellem ma' l-agenti u mbaghad fuq hemm ufficju zghir fih giext ikmamar u minn isfel il-karti li jidhlu kollha dakinhar jinhadmu u l-ghada jew filghaxija jitilghu fuq. Fuq hemm xi 4 tfajliet u guvintur, daqqa tfajliet u daqqa guvintur u jipustjawhom fejn suppost ikunu f' ta' Demajo, f'Ta' Bonnici, tal-VAT, tat-Taxxa*'. Jikkonferma li ghandu nies impjegati ghal hekk. Lil Jesmond Abela darba rah il-Qorti u darba ghax laqqghu mieghu s-Sur Gafa, l-Ispettur. Jghid li forsi cempillu xi darba imma ghax kien qallu '*rrangajtlek u mur hallas li kien fadallek*'. Jghid li '*pero*' *jekk rajtu xi darbtejn biss, l-ewwel darba li laqqaghni mieghu Toschak u darba minnhom meta gabli l-karta*'. Fl-istqarrija kien qal li ma jafx kemm kien l-ammont ta' interessi u multi li hafrulu d-dipartiment tal-VAT permezz ta' Jesmond. Illum jaf ghax sar jaf hawnehkk. Hu kien qal li ma hallas xejn lil Jesmond ghal din il-bicca xoghol u rega kkonfermaha. Xehed li '*La tajtu u lanqas ftehmna li ntih*'. Jghid li ma weghduhx. Ma offrielu xejn. Xehed '*Le m' offrejtlu xejn. Ghax hu kien laqqaghni mieghu t-Toschak u jiena propja l-pjacir Jesmond ghalkemm ghamlu lili mhux lili ghamlu, ghamlu lit-Toschak. It-*

*Toschak naf*'. Xehed li '*Ghax it-Toschak qallu dan habib tieghi ara tistax tghini*'. Mistoqsi kif it-Toschak huwa habib tieghu wiegeb li '*Ghax jigi l-hanut u joqghod jiflirtja mat-tfajliet mal-kaxxiera nabqad nghidlu ha, naqbad flixkun Whiskey intihulu jew ftit tiegieg ghal kelb jew ghalih u jitlaq ''il barra. It-Toschak kullhadd jaf, ghadu kif kien hawn issa daqsxejn bum ;l hawn u 'l hemm u b' daqshekk ma fiha xejn billi nghid hekk. Jista' jigi hawn u nghidlu f' wiccu*',

Lil Nigel Abela impjegat fid-Dipartiment tal-VAT ma jafux. Jahseb li l-ahhar li kien il-Qorti kien hemm wiehed Nigel Abela. Qatt ma kellmu, ma jafux. Jesmond Abela anke quddiem l-Ispettur Gafa qal li frankalu l-multi u l-interessi. Jghid li '*Qalha hu u rega' kkonfermaha jigifieri jiena sa fejn naf jien m'ghamilt xejn hazin. Jiena zgur, zgur li meta cempilli qalli baqalek thallas xi elf u xi haga ghidtlu ha mmur inhallashom u ghandi l-ircevuti li kont urejt lil Qorti hawnhekk*'. Jaqbel li rrangalu mad-Dipartiment ghal hfier tal-multi u tal-interessi. Ma jaqbilx li tah elf ewro (€1000).

Xehed li '*anke t-Toschak meta kien tela' jixhed minghalija kien qal mhux talli ma tajtux, lanqas biss semmejtlu flus ahna*'. Ikkonferma li qatt ma ta' flus lil hajta. Lanqas jaf li jghidulu l-hajta. Kien qal li jafu bhala Jesmond. Ilu jafu xahar jew daqsxejn izjed. Spjega li xi haga hekk ma jafx ezatt imma ma jafux lil dan il-bniedem.

B'referenza ghal dokument ipprezentat a fol 61 tal-atti waqt il-kontro-ezami ta' Joanne Hefney qal li '*Dak bhalu ghandi kwazi dokument iehor cheque iehor jiena, tghidli ghala ? Il-ghaliex Jesmond f' xi hin kien cempilli u qalli l-multi u l-interessi all right waqqajhomlok u baqalek thallas xi elf lira fuq il-kont*'. Ikkonferma li qed jirreferi ghal pure tax. Xehed '*jiena niftakar kont baghtna jew jien jew baghtuli cheque lil tal-VAT li gibt kopja tieghu hawnhekk pero' meta rcevejt l-ircevuta lura*'. Ic-cheque huwa bl-istess valur tal-karta. Dan il-kopja tac-cheque gie esebit bhala Dok GV 2, cheque tal-HSBC lid-Dipartiment tal-VAT datat it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) ghall-istess ammont. Jista jkun li mar hu d-Dipartiment, ma jiftakarx jew baghtu bil-posta. Dak l-ammont '*gara illi jiena saqsejt kemm fadalli naghtu pure tax fuq id-Dismar*' saqsa lil tat-taxxa lil xi impjegat wara li cempillu Jesmond kien qallu '*it-Taxxi, il-multi u l-interessi nehhewhomlk, baqqalek taghti ftit taxxa u mur hallasha. Ghidtlu all right. Mela*

*jiena jew cempilt lil tat-Taxxa*'. Kien qallu li baqalu jaghti xi elf ewro. Xehed li '*jien jew cempilt tat-Taxxa ma niftakarx ezatt, jew mort hemm u tajthom cheque ghidtilhom kemm fadalli naghtu u qalli l-figura li hemm imnizzla fuq ic-cheque*'. Id-difiza indikat ki huwa 1115.21. Jghid li baghtilhom dak ic-cheque, li ma jirreferix ghal kopja tac-cheque li ghandha l-Qorti. Fuq wara tac-cheque hemm indikat numru tal-Vat ta' Natu 1059 3028 '*u meta tajtulhom lil tal-VAT forsi meta raw ta' Natu hallsuh mill-kont li ghandi naghti Ta' Natu. Meta rcevejt il-karta lura jien ghidt ara ghidt dawn ma hallsux id-Dismar qalli dak l-ammont. Ghidtlu mela ha, tajtu flus cash imma dan b' daqshekk ma jfisser xejn ghax jiena fuq il-kumpanija ta' Natu xorta ghandi naghti l-VAT jigifieri billi tajthom elf euro mhux nitilfu marru fil-kont l-iehor u tawni dik il-karta*'.

Ikkonferma li Jesmond Abela xi zmien qabel it-tnax (12) ta' Marzu qallu biex imur il-VAT biex ihallas il-pure tax. Xi hadd mar id-Dipartiment u hallas b'dak ic-cheque tal-HSBC fl-ammont ta' 1155.21. Ikkonferma li flok tefghuh fuq il-kumpanija Dismar tefghuh fuq il-kumpanija ta' Natu bi zball izda jghid li ma jimpurtax ghax xorta ta' Natu kellu jaghti. Ikkonferma li meta nduna li dawn il-flus ma kienux dahlu fil-kumpanija Dismar, rega' mar u hallas cash l-istess ammont ezatt pero' din id-darba fuq il-kumpanija Dismar. Ikkonferma li fit-tnax (12) ta' Marzu, Jesmond Abela kien diga qallu biex ihallas il-pure tax li kien fadal '*bilfors ghax dak kemm hallas, ma nafx id-data imma qabel din id-data zgur.*' F'xi zmien qabel it-tnax (12) ta' Marzu kien qallu biex imur ihallas. Is-Sur Gafa kien qallu li l-bilanc tieghu niezel ghal zero. Jghid li '*l-bilanc tieghi qatt ma seta' nizel ghal zero ghax jiena mort inhallas*'. Ghalih il-multi u l-interessi kienu qatghulu. Qatt ma gie xi hadd jghidlu li m'ghandux jaghti izjed. Jghid li fil-fatt mar ihallas jigifieri ma kienx jaf x'ha jinqala u hallas darbtejn imma ma jimpurtax ghax fuq il-kont tieghu stess marru.

Dwar it-tieni statement ikkonferma li mill-Erbgha ta' gurnata ta' qabel kien ghadu arrestat fic-cella. L-istatement huwa esebit bhala Dok AG 3 a fol 32. Kien ikkonferma li komdu jirrispondi stqarrija wara li qabzu d-disgha ta' filghaxija. Kien ikkonferma li ghandu VAT numbers fuq ta' Natu, Joe Vella, Blue Angel, Fortodol u Dismar. Kien qalli li kollha huma operattivi hlief Dismar.

Fl-istqarrija kien qal li Dismar hija kumpanija li xtraha minghand Dismar Azzopardi li kien jopera Supermarket. Ghal diversi snin qatt ma operat sal-gurnata tal-lum. Jahseb li fis-sena 2005 il-Kumpanija ta' Natu tat kera lil Dismar u minn din il-gurnata sal-lum din il-kumpanija baqghet dormant. Mistoqsi x'jigifieri dormant qal li jahseb li tfisser li ma kienitx qed tahdem ghax kien jahdem fuq ta' Natu izda ma jahsibx li kienet maghluqa, ghax telghu l-imghaxijet u l-multi. Kieku kienet maghluqa ma kienux jitilghu l-multi u l-interessi. Jghid li fejn jidhlu karti traskurat hafna. Ihalli kollox f'idejn in-nies u jbaghti l-konsegwenzi hu. Jghid li ghalhekk biegh is-supermarket mhux ghax hazin imma ma jistax joqghod jehel il-multi ghal xejn. Illum jaf x'kien hemm dovut il VAT department minn dismar. Kien minghalih li kellu jaghti xi sitt'elef ewro (€6000) VAT bil-multi, bl-interessi b'kollox. Meta kien cempel Jesmond Abela lil xi hadd qallu mhux sitt elef, qallu tnax-il elf, id-doppju. Xehed '*il-listrina tnax -il elf. Ghidtu mela ara tirrangaliex twaqqali l-multi u l-interessi ha nhallas ha naqtaha din il-bicca xoghol.*' Mistoqsii dwar li meta xehed it-Toschak kien qal li kien se jkecci xi nies, wiegeb '*U xi nkecci n-nies. Inkecci, kemm ilu gara l-kont dr*'. Jghid li problemi finanzjarji ma kellux, flus dejjem tkun trid imma fetah hanut iehor, kellu sittin ruh jahdmu mieghu. Jekk ittella' l-impjegati kollha mal-gimgha jiehdu l-paga kollha. Lanqas qatt ma kellu intenzjoni li jkecci nies u lanqas li jaghlaq is-supermarket. Qatt ma kecca bniedem minn mieghu u kellu mijiet ta' nies jahdmu mieghu. Huwa esebixxa dokument b'ta' l-ewwel tliet xhur tas-sena Jannar, Frar u Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), lista minghand is-suppliers kien ha tal-2009. Xehed li tal-elfejn u disgha (2009), f'Jannar mitejn u erbgha u dighin elf il-ghaliex ikunu ghamlu x-xirja kbira f'Dicemnbru allura f'Jannar ma tantx tixtri stock, fi Frar ghalkemm granet inqas tlett mija u sebgha u tletin elf u f'Marzu tlett mija u hamsa u disghin elf. Fi tliet xhur kellu miljun u sebgha u ghoxrin elf. Jghid li fi tlett xhur kellu miljun u sebgha u ghoxrin elf. Jghid li hemm il-karti kollha, hemm il-lista tas-suppliers kollha, il-karti tal-bank kollha. Esebixxa d-dokumenti kollha bhala Dok GV3. Jikkonferma li problemi finanzjarji ma kienx hemm. Lit-Toschak qatt ma qallu li se jkecci neis, lanqas issa li bieghu ghamel patt u kundizzjoni li nies li ghandu jzommhom mieghu, jghid li jirrispettahom kollha qishom hbieb tieghu. Jghid li darbtejn kecca nies ghax inqabdu jisriqu eluf ta' liri, il-bqija qatt ma kecca nies.

Fit-tieni stqarrija kien mistoqsi jekk jaqblu li llum il-gurnata dan l-ammont gie kkancellat fejn kien irrisponda iva u li ma jafx jekk inqatax kollu. Jaf li l-kumpanija

hallset xi elf ewro mal-VAT Department u lid an kien ix-xahar li ghadda. Mitlub jikjarifika li l-Ispettur Gafa kemm meta kien qed jixhed u anke minn certu domandi qisu ta' l-intender li dan kollu sar sabiex l-ammont dovut jinzel ghal zero, wiegeb '*U zgur ghalhekk kont gibt il-karta li hallast l-elf u xi haga biex nghidlu li l-ammont tiehi qatt ma ridtu zero jien. Jien ridt inhallas il-pure Tax u l-multi li wehilt jiffrankaholi uh*'. Ikkonferma li l-ammont nizel zero wara li hu hallas jew minghalih li hallas il-pure tax li kien fadal. Meta fl-istqarrija kien mistoqsi b'liema mod l-ammont dovut lil VAT Department gie kkancellat, kien qal li kien qed jitkellem ma' Toschak fejn dan qallu kellu problema bil-VAT fuq kumpanija minn tieghu b'referenza ghad-Dismar u dan peress li kellu bilanc dovut ghal kumpanja li ma kintix operattiva. Xehed li kellu problema biex jaghlaq kumpanija ghax kumpanija qeghda hemmhekk, ghandha l-vat number, ried jimla l-karta tat-Taxxa jaghlaqha. Qal li jekk hemm giex kumpaniji ohra jaghlaqhom ghax toqghod timla' l-karti, tinsihom u tehel il-multi. Ikkonferma li dan minn naha tieghu ghat-Toschak kien laqghu ma' certu Jesmond fejn qallu li kien ser jirrangalu biex iwaqqaghlu t-taxxa u l-multa fuq din il-kumpanija Dismar. Tkellmu fuq taxxi u multi u kkonfermaha Jesmond stess. Jghid li l-multi u l-interessi qalha quddiem l-iSpettur gafa. Ikkonferma li kien minghalih li l-ammont dovut kien ta' madwar sitt'elef ewro (€6000) izda meta ccekjalu Jesmond dan kien qallu li l-ammont kien id-doppju. Ikkonferma li minn sitt elef' ewro (€6000) gie tnax. Ma jafx ma min tkellem Jesmond, '*Nahlef miljun darba*'. Xehed li lil Nigel jafu darba hawnhekk ghax semgha jghajtulu. Ma jafux lil Nigel. Ikkonferma li kien qal fl-istqarrija li x-xahar li ghadda '*Jesmond qalli li kien irrangali u waqqaghli kollox izda kien fadal dawk l-elf u xi haga u jien hallast u dan biex naqta' kaz tieghi li jien kelli l-Qorti fuq il-kumpanija*'. Jesmond qallu li kien irrangalu u waqqaghlu kollox, waqghali '*meta cempilli qalli hemmhekk irrangajtlek. Qalli l-multi u l-interessi all right mur hallas it-Taxxa li baqalek. Jiena saqsejt kemm kien fadal taxxa u kien baqa' dawk l-elf u xi haga u mort hallasthom*'. Fl-istqarrija, kien mistoqsi kif irnexxielu jaghmel dan Jesmond, jghid li ma jafx ghalkemm ikkonferma li dan kien gablu r-return tal-VAT li gharaf f'dan l-ufficju bhala dik datata l-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) li tkopri l-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009). Ikkonferma li kien Jesmond li gablu dan ir-return u ma jafx min kitibha u wisq anqas min iffirmaha. La l-kitba u

lanqas il-firma ma huma tieghi jew tal-accountant tieghu. Ikkonferma li meta qal li qabad u twiha u tefaha fil-but, kien qed jirreferi ghal dan id-dokument.

Dwar li fl-istqarrija tnizzel li '*Nikkonferma li l-figuri fuq ir-return huma foloz ghaliex kif spjegajt qabel il-kumpanija ma operatx ghal dawn l-ahhar snin. Fuq mistoqsija li qed issirli ninsisti li lil Jesmond ma tajtu ebda flus u jekk dan hallas xi haga, ma kontx jien li tajtu l-flus. Lili ma talabni xejn lanqas. Nerga' nghid li kien it-Toschak li qabbadni mieghu u jekk hemm xi haga bejniethom ma nafx. Issa xi trid tghid biha din jekk kien hemm xi haga bejniethom ma nafx*' wiegeb fl-awla '*Heq it-Toschak kullhadd jafu. Jekk hemm xi obbligazzjonijeit bejn Jesmond Abela u Toschak u t-toschak ghamel pjacir lili ma jfissirx li jien irrid inhallas la lit-Toschak u lanqas lil Jesmond. Jien ma pruvajt naghmel xejn hazin. Jien pruvajt niffranka daqsxejn multi u daqsxejn interessi. Fil-fatt hekk gara ghax imbaghad wara Dott meta ergajt*' kompla '*Meta ergajt gejt hawn u qaluli li kien hemm xi hdax -il elf jiena qbadt il-hdax -il elf u mort hallasthom. Mhux talli hallasthom illum sibt ic-cekkijiet, hallast*'. Dwar li qal li l-figuri fuq ir-return huma foloz qal li ra id-dokument l-ewwel darba fil-kamra tal-Ispettur Gafa. Meta tahulu dan id-dokument Jesmond, l-imputat ma haris lejh. Xehed li '*Alla hares noqghod inhares. Hemmhekk hemm il-kart kollha. Hemm xi 500 delivery. Alla hares noqghod inhares lejhom kollha. Qatt ma nhares. Fil-fatt jekk tmur illum inhallilhom cheque book iffirmat lil impjegati*'. Jikkonferma li dejjem hekk jahdem, ilu sittax (16) -il sena hanut ihalli ceque book ta' mitt cheque iffirmat. Dwar li fl-istqarrija gie mistoqsi dwar il-karta s-safra return li tkopri l-istess perjodu indikat b'nil fuqha u fl-istess file fejn hemm kopja identifika ta' dik sottomessa fil-VAT Department li turi kreditu ta' €11,721.45, xehed li '*Jien nahseb illi dik il-karta li kien hemm fil-file tieghi li kien tani Jesmond Abela waddabtha fil-but u maghad l-ghada jew filghaxija tellghuha fuq.*' Jghid li l-ewwel darba li ra hu ghax l-ohra waddabha , jghid li tkun mitwija f'erbgha, iwaddabha fil-but u mbaghad iwaddabah fit-tray. Jghid li ma jaghtiex kaz il-karti. Ikkonferma li kien Jesmond li gablu dawn id-dokumenti. Ikkonferma li lil Jesmond rah darbtejn meta it-Toschak introducieh miehu u meta gablu l-karti. Kien gie mat-Toschak fil-hanut is-supermarkrt anke l-ewwel darba s-supermarktet gie. Jghid li '*Ma mmurx niltaqa' mieghu x' imkien jew hekk.*' Kien wiegeb fl-istqarrija li jaf li dak li ghamel jikkostitwixxi qerq ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, mistoqsi ghala qal iva, wiegeb li '*Ghax jiena minghalija li nehhieli l-multi u ll-interessi fil fatt kienet dahlet karta falza. Ghax meta urihieli l-iSpettur is-Sur Gafa*' *ghidtlu dik falza. La*

*l-kitba mhi tieghi, la hija ta mpjegati mill-tieghi vuol diri qas pruvajt infarfar nghidlu mhux tieghi ta' l-impjegati. La tieghi u lanqas ta' l-impjegati. Jekk hazina hazina tibqa'. Mhux tieghi lanqas il-firma mhi tieghi*'. Jghid li ma kien intenzjonalment li jaghmel dawk l-affarijiet. Lilu qatalu l-multi u l-interessi biss s'hemmhekk. Kien ikkonferma li meta mistoqsi fl-istqarrija jekk jaqbel li konxju mill-fatt li l-ahhar return sottomessa l-VAT department rigwardanti Dismar bi kreditu ta' €11,721.45 tikkontjeni dikjarazzjonijeit foloz ghax din il-kumpanija ma kinitx operattiva. Kien qallu iva li dik falza. Meta mistoqsi fl-istqarrija jekk jiddispjacihx li ghamel dan kollu, kien qal iva. Mistoqsi fix-xhieda tieghu ghal xiex jiddispjacih qal li '*Jiddispjacini illi ilni 30 sena fin-negozju jidhol bniedem u jqarraq bija. Bniedem minn barra ma nafux. Kieku qed naghmel negozju tghid xtrajt oggett lira u gie hazin u beghtu nofs lira ija imma mhux li jingannag b' dak il-mod, zgur li jiddispjacini u ghadni ddispjacut sallum. Anke li tiela' u niezel hawn ta' xejn ukoll*'. Dwar li l-persuna l-ohra kienet irrangatlu wara li gie minn barra fil-hmistax (15) ta' Marzu l-ewwel cheque fit-tnax (12) ta' Marzu kien mistoqsi jekk jista' jkun li dan qed jghid il-verita', wiegeb '*Ma jistax. Irrangali qabel ghax l-ewwel cheque kien qieghed datat qabel minghalija jiena*'. Jghid li jekk dahal fit-tnax (12) ta' Marzu bilfors li kien irrangalu ghax l-imputat mar ihallas u hemm il-karta. Jghid li jekk icemplu l-VAT jghidulhom li dawn il-karti huma vera mhux xi haga falza.

Dwar li fl-istqarrija kien mistoqsi li apparti Dismar li kien se jaghmel l-istess manuvra mad-Dipartiment rigwardanti kumpaniji ohra tieghu specifikament Fortodol kien wiegeb li le qatt ma kellu dak il-hsieb. Ma jafx kemm kellu jaghti VAT dwar Fortodol izda Fortodol ghandha taghti izjed mid-Dismar. Il-Fortodol tahdem u id-Dismar ma tahdimx. Il-kumpanija l-ohra Ta' Natu tahdem, ihallas il-VAT. Dawn il-kumpaniji ghandhom jaghtu izjed minn sitt elef jew tnax il-elf ewro. Qatt ma kellu dak il-hsieb. Huwa kkonferma l-kontenut taz-zewg stqarrijiet.

Ikkonferma li huwa dizorganizzat, jghid li l-kumpanija Dismar suppost maghluqa, hallas darba, tnejn, tliet darbiet suppost maghluqa. Jikkonferma li kien hemm okkazzjonijiet fejn baqa' jhallas fuqha din il-kumpanija, li ma jafx il-ghala ghandu c-cekkijiet hemmhekk. Jghid li dawn kollha hallashom u ma jafx ghal xiex hallashom.

Dwar cheque tal-Kumpanija Blue Angel jaf li mar ghal Kumpanija Dismar ghax hemm cheque iehor ta' elef. Jghid li fuq wara tac-cheque ghandu miktub in-numru tal-VAT 1011 7713. Dan meta poggewh tal-VAT hemm miktub zewg cekkijiet. Jghid li hawn numru iehor 2948 li jirreferi ghal dan ic-cheque. Jahseb li n-numri ta' Dismar. Jikkonferma li baqa jhallas VAT ghax jghidulu hallas. Mistoqsi dwar li Ta' Natu l-istess 1011, jghid li Ta' Natu ic-cheque imma jhallas il-kumpanija tad-Dismar il-VAT tad-Dismar. Jghid li meta gie quddiem il-Magistrat, Paul Scicluna qallu li kellu jaghti xi tlettax-il elf, xi hadd qallu li kien hemm hdax-il elf u mbaghad is-Sur Scicluna qallu li regghu telghu ghal xi tlettax-il elf u mar ihallashom. Jghid li jahsebb li jibghauhom mill-uffcicju. Jghid li hallas dsatax-il elf, ma jafx ghal xiex, id-difiza qalet fuq Dismar. Il-kopja tac-cekkjiet li kien qed isir referenza ghalihom gew esebiti bhala dokument wiehed u mmarkati Dok GV4. Xehed li kellu jhallas multi l-Qorti jghid li ftit ilu mar quddiem il-magistrat u kien wehel xi tlett'elef u mitejn multa ghax ma kienux baghti xi karta tal-VAT. Din giet esebita bhala Dok GV5. Jghid li l-Magistrat qaltli biex ihallashom disghin ewro (€90) fix-xahar u hareg sitt (6) cekkijiet post dated wiehed kull xahar. Jghid li darba cemplulu mill-ufficju t'hawn barra tal-Qorti u qallu biex jigi u mar u hadlu sitt (6) cekkijiet ohra ghax haseb li ma baghtuhomx u qallu li le dawk imhallsin kollha. Jghid li '*Qalli le hija qalli dawk imhallsin kollha, qalli ghandek cheque iehor hawn bil-kitba ta' min hawn hawn barra wiehed xaghru bajdani hekk goff*'. Qallu li mhux disghin lira baqalu jaghti izda hamsin u tah cheque lura, tah sitt cekkijiet l-ohra li tah u tah rcevuta tal-hamsin jigifieri kien se jhallashom over and above ghax ma jkunx jaf ezatt x'qeghdin jaghmlu. Jghid li kellu l-iskrivana li johorgu mill-iskola jkunu jafu ftit accounts u jillapazzaw li jafu mhux xi accountants kbar. Frederick Camilleri kien ilu mieghu hafna imma spicca ftit ilu xi sentejn. Mhux keccieh qallu '*tlaqt*'. L-imputat kien imsiefer u qallu li ha jitlaq u telaq. Ix-xhud esebixxa seba' (7) cekkijiet pagabbli lir-Registratu tal-Qorti, cekkijiet datata xi zmien fis-sena elfejn u tlettax (2013) u li gew ikkancellati. Maghhom hemm ukoll ircevuta datata t-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Dawn gew prezentati bhala dokument wiehed u mmarkati bhala Dok GV6. Mistoqsi jek offra xi flus lil Jesmond Abela jew hu ta xi flus lil Jesmond Abela wiegeb '*La talabni, la tajtu u lanqas weghdtu la lilu lanqas lit-Toschak xejn*'.

In kontro-ezami b'referenza ghal istqarrijiet tal-hamsa (5) u sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) li rrilaxxa fl-ufficju tas-Sur Gafa qal li b'dormant ghalih tfisser li mhux tahdem biha. Ma tixtriex fuqha, ma jbieghx, ma jaghmel xejn. Ma jiftakarx meta xtraha l-kumpanija Dismar ghax xtraha mhux biex jahdem biha. Peress li ried il-proprjeta' ta' ma gembu dawk it-tnejn li kellhom il-proprjeta' ta' ma gembu argumentaw ma xulxin u qalulu biex jaqtghu kollox qalulu trid tixtri l-kumpanija kollha u xtara l-kumpanija kollha mhux biex jixtri d-Dismar Limited biex jixtri l-hanut ta' ma gembu. Jghid li ghamel ricerki imma xorta tmur imqarraq. Mistoqsi ghamilx ricerki mad-Dipartment biex jara jekk kienx hemm xi bilanc dovut, qal li jahseb li ghamlulu xi ricerki. Dawk il-flus li hemm dovut mhux ghax kienu gejjin minn taghhom. Dawk kienu ta' xi kera li Ta' Natu tat lil kumpanija. Ma jridx iwahhal f'hadd. Jekk hemm xi haga hazina tieghu hija tieghu ma jridx iwahhal f'hadd. Ikkonferma li huwa minnu li talab lil Jesmond biex jintervenielu halli jiffranka il-multi. Talab lil terza persuna biex jifrankalu il-multi flokk mar direttament id-dipartiment u spjega s-sitwazzjoni tieghu ghax qal li qatt ma jmur go dipartiment. Jghid li '*Jiena anke issa kelli problema ma' tal-Bolol baghat lil xi hadd irrangali, qatghali l-multi, gibt il-karti u qed inhallashom ftit ftit fix-xhar. Jien niddejjaq noqghod immur fid-Dipartmenti, qatt ma mmur*'. Mistoqsi jekk kienx hemm xi forma ta' skema li kienu qeghdin jinhafru xi multi sabiex wiehed negozjant jirregolarizza ruhu wiegeb li jahseb ikun hemm, xehed li rega franka minn tal-NI il-ghaliex kien hemm hafna multi u nteressi, qatghumlu u ghamlulu pagamenti fix-xahar. Mistoqsi jekk jahseb li hafna ahjar li kienu jissetiljawha mod iehor wiegeb li '*Ghandek ragun imma ma mmurx jien fid-dipartimenti niddejjaq immur*'. Mistoqsi kif gialadarba l-kumpanija Dismar kienet dormant u ma kinitx qed topera kif seta' jkollha hdax il-elf u seba' mitt ewro (€11,700) fi kreditu wiegeb ''*Il-ghaliex xi sena 2005 bejn wiehed u iehor il-Kumpanija li xtrat id-Dismar li hi Ta' Natu l-Accountant kien qalli naghmlu li tajna kera lil Dismar. Biex hekk naturalment ma' l-ispejjez. U hekk ghamilna. Vuol diri dawn gejjin recurring minn xi 2005 mhux ghax kelli naghti hdax -il elf jien u jew disat elef kemm hemm, peress li ma hallast l-ammont tal-VAT li suppost hallast bil-multi u l-interessi baqghu telghin ftit, ftit. Fil-fatt imbaghad dik il-karta kien hemm miktub fiha xi disat elef u mbaghad hemm miktub xi hdax -il elf jew tlettax -il elf. Hallasthom it-tlettax -il elf biex naqta komplejt inhallas*'. Mistoqsi kif meta fl-istqarrija mistoqsi dwar li dak li ghamel jikkostitwixxi qerq ghad-dannu tal-Gvern u kien wiegeb iva u kif illum ghamel 'u turn' qal li '*Taghmel 36 siegha imsakkar*

*go cella. Le, le ma jimpurtax kont komdu, mhux qed nallega li ma kontx komdu, ma rridx inwaqqa' l-iStatement pero' l-bicca tax-xoghol qeghda ghalkemm m' ghamiltx il-karti jiena ghax is-Sur Gafa' ghidtlu la ktibtha jiena l-karta, la kitbuha n-nies tieghi u anqas il-firma mhi tieghi pero' mhux jiena responsabbli ghaliha ? U Zgur li ddispjacini li gie bniedem minn barra u qarraq bija. Jien fil-fatt kollox u hallast izjed milli kelli nhallas ma kelli l-ebda ntenzjoni li nqarraq b'xejn*'. Jghid li '*Jiena kull m' ghamilt iwa ddispjacini ghax qarraq bija Jesmond. Jesmond iffejsahuli qalli l-iktar oggett li noqghod naghmel niffejsja tnejn minn nies u ghidtlu, ghidtlu jien ma tajtek*'. Iddispjacih li dahhal terza persuna fin-nofs. Jiddispjacih li qabbad bniedem imbruljun biex jirrangalu l-karti. Ghadu ddispjacut. Mistoqsi '*Inti m'intiex tichad li minn tajt pruvajt tirranga*' wiegeb '*Ma stajtx, jien ma ridx nirranga li nqarraq li ma nhallasx it-Taxxa, il-pure Tax. Jiena ridt jiffrankawli l-multi u l-interessi. Jekk ghamilt zball hemm nghid ija ghamilt zball. Imma hekk ghamilt. U ghamiltha kemm qabel u kemm wara li gara dak li ffrankawli l-multi u l-interessi. Vuol diri jekk ghamilt zball darba ergajt irrepetejtu qed nghid il-verita*'.'

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) Dr Stephen Tonna Lowell ipprezenta sett ta' erba' dokumenti li gew esebiti bhala dokument wiehed u immarkati bhala GV7.

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-Prosekuzzjoni ezentat id-difiza mill-prova dwar l-awtenticita tad-dokumenti GV2 u GV4 esebiti mill-imputat nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Xehed bil-gurament l-**Ispettur Ian J. Abdilla** fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn ikkonferma li l-iscam tal-VAT kienu tlett (3) spettur li kienu investigawha u cioe' l-Ispettur Abdilla, Gafa u Cilia. Kien hemm diversi nies arrestati u qasmuhom u kkowordinaw lfimkien. Ikkonferma li isem Jesmond Abela kien issemma bhala parti mill-investigazzjonijiet izda ma kienx kellmu lil Jesmond Abela maghruf bhala l-hajta. Jghid li jekk mhux sejjer zball kien anke tressaq il-Qorti. Kien hemm diversi kawzi imma jghid li jekk dwar Mark Anthony Camilleri dan kien spjegalhom l-involviment ta' Jesmond Abela fil-kaz tieghu. Xehed li hu kien il-persuna li kien interroga lil Mark Anthony Camilleri, quddiemhom ghandu kopja tal-istatement li kien hadlu fid-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) u peress li ghadda zmien ma jiftakarx ezatt x'intqal imma qieghed jaqra u jgedded ftit

il-memorja. Dan Mark Anthony Camilleri ukoll kien tressaq u nstab hati. Kien tressaq ghalih. Kien tah x'jifhem li kien Jesmond Abela l-ewwel persuna li kien ghamel kuntatt mieghu dwar il-problemi li hu kellu mal-VAT Department. Dan Jesmond Abela kien hu li kien introducieh ma' Salvu Micallef ta' Siggiewi li ukoll ghadu ghaddej bi proceduri fil-konfront tieghu. Ikkonferma li Mark Anthony Camilleri ma tressaqx minhabba korruzzjoni ta' Jesmond Abela, minhabba korruzjoni ta' persuna ohra. Milli ra fl-istqarrija lil Mark Anthony Camilleri kienu diversi nies li talbuh flus fosthom lil Salvu Micallef li ghaddewlu flus. Kien hemm Nigel Abela li ukoll ghaddielhom il-flus u fl-istess cirkostanza kien hemm Alfred Mallia li kien maghruf bhala z-Ziffa u kien hemm Jesmond Abela, kienu talbu lil Mark Anthony Camilleri xi flus imma milli jidher fl-istqarrija Mark Anthony Camilleri ma jidhirx li ammetta maghhom li kien ghadda flus lil Jesmond allavolja qed jghid li ghal perjodu ta' zmien kien qed jinsisti hafna mieghu u jcempillu b'mod regolari ghax ried il-flus ghax ried jaghtihom ukoll. Ikkonferma li Jesmond Abela ghax kellu jaghti lil xi hadd iehor lil certu Alfred Mallia. Lil Jesmond Abela ma ressqux hu. Jghid li Mark Anthony Camilleri jekk mhux sejjer zball kien xehed ukoll fil-konfront ta' Jesmond Abela. Xehed dwar li '*Jesmond Abela kien, jien nista' nghidlek, kont iltqajt fejn kien qalli li hu ma ried xejn u li jien ridt naghti hames mija lil haddiehor. Kont spjegajtlu kif kien gara. Ghax imbaghad kienu ggieldu dawn*.' Ma Salvu Micallef kienu ggieldu. Ma jidhirx li Jesmond Abela ha flus minghand Mark Anthony Camilleri. Ma riedx flus. Kien talbu li hu kien hemm persuni ohra li qed jitolbuh il-flus.

L-Ispettur ghamel referenza ghal parti mill-istqarrija fejn is-Sur Camileri kien qal hekk '*Coming January 2009 Jesmond il-hajta kien qieghed icempilli regolari kull gimgha biex intihom xi haga. Meta jghid intihom xi haga ghax kienet l-organizzazzjni kollha u jaghmel referenza ghalih u ghal haddiehor. Kont iltqajt ma' Jesmond il-Gzira fejn kien qalli hu ma ried xejn u li jien ridt naghti hames mitt euro lil haddiehor. Kont spjegajtlu x'kien gara ma' Salvu ghaliex fil-parentezi Salvu allavolja originarjament ma kien, kien iltaqa' mieghu u ghaddielu l-flus skopra wara li ma kien irrangalu xejn. Inkompli u rega' qalli huwa ma ried xejn. F'dik l-instance kien tani n-numru ta' Alfred iz-Ziffa u kont iltqajt ma' Ziffa Friday il-hanut tal-Melita fejn l-Universita'. Kont ghidt liz-Ziffa li ma stajt intih xejn u ghidtlu li ghandi refund mill-Vat peress li kien fadalli cheque ta' xi tmint elef euro. U staqsejtu jekk kienx jaf flil xi*

*hadd li seta' jirrangali refund. Jigifieri nista' nikkonferma kien qed icempillu imma ghalih ma ried xejn'.*

Jesmond Abela kien tresaq, ma jista jghid li ma tressaqx fuq ta' Mark Anthony Camilleri. Xehed li tressaq fuq l-affari kollha u mbaghad jekk direttament kien involut f'korruzzjoni diretta u f' xi kazijiet ohra ovvjament jaghmlu referenza ghal dak il-kaz parikolari. Imbagahd talbu lil Mark Anthony Camilleri bhala xhud. Lil Jesmond Abela jaf li teessaq ma kienx hu imma l-ufficjal prosekutur f'dak il-kaz.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-imputat[3] huwa wiehed mid-diretturi tal-kumpanija Dismar Company Limited;

2. L-imputat xehed li xtara din il-kumpanija peress li ried jixtri il-proprjeta' li kienet biswiet supermarket iehor gestit minnu u kien ghalhekk li ried jghaqqad iz-zewg supermarkets;

3. L-imputat jghid li Dismar Company Limited ma kintix operattiva peress li qatt ma ghamlet negozju hlief li kienet thallset xi kera minghand kumpanija ohra tal-imputat;

4. Jirrizulta li fl-erba' (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) giet ipprezentata fid-Dipartiment tal-VAT, denunzja ghal perjodu ta' taxxa mill-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) li turi diversi ammonti u li b'rizultat ta' liema kien hemm kreditu ta' taxxa favur is-socjeta' Dismar Co Ltd fl-ammont ta' hdax-il elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€11,721.45);

5. Jirrizulta li wara tali denunzja kien baqa' bilanc favur id-Dipartiment ta' elf, mija u hamsa u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,155.21) u l-imputat ghadda biex ihallas dan l-ammont;

6. Il-Prosekuzzjoni tallega li l-imputat hallas elf Ewro (€1,000) lil Jesmond Abela maghruf bhala *'il-Hajta'* li gie introdott lilu minn certu Carmel Sammut maghruf

[3] Skont ma jirrizulta mid-dokumentazzjoni tal-Malta Financial Services Authority f'Dok AG9 a fol 83.

bhala '*it-Toxakk*'. Jesmond Abela xehed li qasam din l-elf ewro ma' certu Nigel fejn hadu hames mitt ewro (€500) kull wiehed;

7. L-imputat minn naha l-ohra jichad li qatt hallas xi ammont u jsostni li huwa talab biss li jitnaqqsulu l-multi u l-interessi sabiex ihallas il-*pure tax*;

8. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti kien wiehed ghal kollox parzjali, selettiv u zbilancjat. L-appellant jissottometti li l-Qorti warrbet dawk ir-reati li qatt ma setghu mill-aspett legali u fattwali jirrizultaw u ghaddiet biex b'mod sistematiku, minn banda wahda twarrab kull prova li ngabet mill-appellant u minn banda ohra tiggustifika l-operat dubjuz tax-xhieda tal-prosekuzzjoni anke meta dak l-operat ma setghax jigi gustifikat. Jissottometti li d-dubju ghandu dejjem imur favur l-akkuzat u mhux favur il-prosekuzzjoni u li l-ezercizzju maghmul mill-Qorti, bl-ezami minuzzjuz u kwazi-polizzjesk tal-provi tad-difiza abbinat ma' nuqqas ta' konsiderazzjoni approfondita tat-toqob fil-provi tal-prosekuzzjoni, jinvesti b'mod perikoluz dan il-principju sagrosant ghall-gustizzja. Jissottometti li l-Magistrat kienet ikkundannat lil Jesmond Abela fuq reati li jemanu mill-istess fatti u li l-appellant ghazel li ma jirrikuzax lil Magistrat u li ghalhekk fl-appell jissottometti li mhux iqajjem dan il-punt bhala aggravju sui generis.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal verbal tas-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn il-Magistrat kienet irrilevat li stante li ddikjarat ruhha f'proceduri ohra pendenti quddiemha dwar l-istess investigazzjoni dwar fatti li jistghu jkunu fatti materjali ukoll fil-proceduri odjerni, jezistu ragunijiet biex hija tastjeni mit-tkomplija tas-smiegh ta' din il-kawza. L-Avukati difensuri ghall-imputat u l-ufficjal tal-prosekuzzjoni ddikjaraw *ai termini* tal-artikolu 735(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li qed jaghtu l-kunsens taghhom biex il-kawza tibqa' tinstema u tigi deciza mill-Magistrat. Ghalhekk la darba kien l-imputat stess li ta' l-kunsens sabiex l-Ewwel Qorti tibqa tisma' u tiddeciedi l-kawza, din il-Qorti ma ghandiex ghaliex tikkunsidra oltre dwar dan.

L-appellant jissottometti li l-kaz huwa ibbazat fuq *misconception* serju tal-

investigaturi fl-istadju tal-investigazzjoni u tar-redazzjoni tal-akkuzi fil-konfront tal-appellant. Jissottometti li l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' kien xehed fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn qal li bil-kreditu fir-return tas-socjeta' Dismar Co. Ltd ghall-perjodu bejn Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) "*kien inqata l-bilanc kollu dovut lid-Dipartiment tal-Vat*". Jissottometti li r-rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT Joanne Hefney li xehdet ukoll fit-tmienja ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra qalet li " *bis-sahha ta' dak il-kreditu l-bilanc gie jaqra zero*". Jissottometti li waqt l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni l-appellant gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li dan kien zbaljat u esebixxa dokument Dok GV1 a fol 61 minn fejn jirrizulta li huwa kien hallas l-ammont ta' elf, mija u hamsa u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,155.21) biex jaghlaq il-kont.

Jissottometti li dan il-fatt li javalla pjenament it-tezi tal-appellant li huwa ried biss li jitnehhew l-interessi u l-multi u mhux li ma jithallasx il-pure tax, gie kompletamnt injorat mill-Qorti tal-Magistrati fil-konsiderazzjonijiet taghha. Jissottometti li dan huwa fatt li mhux biss jaghti kredibilita' lil appellant izda juri li L-appellant jissottometti li punt iehor li gie injorat kien li dak li talab l-appellant kienet li jitnehhew l-interessi u l-multi u li qatt ma talab li jitnehha l-pure tax. Fix-xhieda tieghu jghid li ried jaghlaq il-kont minghajr ma jhallas il-multi, li dejjem kien konsistenti fuq dan il-punt u li min joffri '*bribe*' ma jaghmilhiex biex inehhi l-interessi u l-multi izda jaghmilha biex il-kont jigi azzerat kif erronjament hasbu li gie asserat x-xhieda Joanne Hefney mid-Dipartiment tal-VAT u l-Ispettur Angelo Gafa' li mexxa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni.

L-appellant iressaq sottmissjonijiet dwar '*il-protezzjoni suspettuza li nghata Jesmond Abela*'. Jaghmel sottomissjonijiet ukoll dwar ix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla fejn xehed li Jesmond Abela kien issemma fl-investigazzjoni li saru in konnessjoni mad-Dipartiment tal-VAT minn certa Mark Anthony Camilleri fejn jirrizulta mix-xhieda tal-Isepettur Angelo Gafa' quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li Jesmond Abela tressaq biss fir-rigward tal-allegazzjonijiet li ghamel fuq l-appellant u ghalhekk jista' jigi facilment dedott li qatt ma tressaq in konnessjoni mal-kaz ta' Mark Anthony Camilleri.

Dwar li l-Qorti qieset li d-dokumentazzjoni misjuba fl-ufficju tal-appellant turi li hu kien jaf ezattament x'kien qed isir, issottometta li dawn ma humiex konsiderazzjonijiet izda huma biss kongetturi. Jissottomemtti li gab provi ampji dwar kemm huwa traskurat u jhalli f'idejn in-nies tieghu u li gab prova li hallas l-ammont effettivament dovut lid-Dipartiment darbtejn u lanqas biss talab refund.

Jissottometti li x-xhieda direttament involuti kienu tlieta u cioe' Carmel Sammut, Jesmond Abela u l-appellant. Id-difiza stqarret li Carmel Sammut ma kienx xhud kredibbli nonostante li skont l-appellant ix-xhieda tieghu tezonera lill appellant. Jissottometti li l-fatt jibqa' li dawn it-tlett persuni taw tlett verzjonijiet differenti. Jghid li l-unika verzjoni korroborata bid-dokumentazzjoni kienet dik tal-appellant li dejjem stqarr li dak li sar minn Nigel Abela sar ad insaputa tieghu u mhux bi qbil mieghu. Jissottometti li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat u mhux favur il-prosekuzzjoni li t-tahwid fil-provi tal-prosekuzzjoni kellu jwassal ghall-liberazzjoni tal-appellant u l-konsistenza u provi tad-difiza kellhom iwasslu ghal liberazzjoni iktar serena jekk qatt kien hemm bzonn.

Ikkunsidrat;

Dwar l-apprezzament tal-fatti li din il-Qorti qieghda tintalab li taghmel, kif irrietenew il-Qrati diversi drabi, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi**'[4]

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

*taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[5]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [6]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[8]" u ohrajn .)*' (Emfazi mizjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti fil-qiegh tal-pagna).

Illi l-Ewwel Qorti sabet lil imputat hati tas-segwenti imputazzjonijiet:

'*U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghek ta' direttur ta' Dismar Company Limited, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b' ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;*

*Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;*

*U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-*

---

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fl-14 ta Frar, 1989
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fil-31 ta Mejju, 1991
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fil-31 ta Mejju, 1991

*Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f' xi rigward materjali;'*

Din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra dan l-ewwel aggravju. Dwar is-sottomissjoni tal-appellant li l-prosekuzzjoni kellha l-idejat kompletament zbaljati waqt l-investigazzjonijiet taghha, din il-Qorti tikkunsidra li huwa minnu li x-xhieda moghtija mill-Ispettur Angelo Gafa' fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) taghti x'tifhem li l-intenzjoni tal-intavolar tad-denunzja in kwistjoni kien li jigu pacuti l-ammonti kollha dovuti tant li jixhed li '*kienet dahlet bi credit balance ta' hdax-il elf seba' mija' wiehed u ghoxrin euro u hamsa u erbghin centezmu u dan kien jirrizulta li kien il-bilanc li l-kumpanija kellha dovut mad-Dipartiment tal-Vat u ghaldaqstant b'din ir-return dan il-kreditu kien inqata l-bilanc kollu dovut lid-Dipartiment tal-Vat.*' In oltre, Joanne Hefney Director Operations mal-VAT Department ukoll xehdet dwar Dok AG4 li '*waslet fid-Dipartiment fl-4 ta' Marzu 2009 allura bis-sahha ta' dak il-kreditu l-bilanc gie jaqra zero*'. Biss pero' wara li d-difiza matul il-kontro-ezami ta' din ix-xhudipprezentat Dok GVI a fol 61, Joanne Hefney ikkonfermat li wara li giet intavolata d-denunzja in kwistjoni kien baqa' bilanc xorta. Ghalhekk jirrizulta kjarament li meta giet intavolata d-denunzja li tinsab immarkata bhala Dok AG4 a fol 34, xorta wahda kien qatt baqa' bilanc x'jithallas mill-kumpanija Dismar Company Limited lid-Dipartiment tal-VAT. Ghalhekk minkejja l-prosekuzzjoni inkluz ix-xhud tal-VAT Department Joanne Hefney fil-bidu tax-xhieda kellhom informazzjoni li bid-denunzja, ma kienx baqa' l-ebda ammont dovut, dan gie ccarat u din l-istess xhud Joanne Hefney ikkonfermat li kien dahal pagament, tant li prezentat Dok JH2 li jinsab a fol 60. Din il-Qorti temfasizza li huwa x'jirrizulta mill-atti li huwa ta' importanza u mhux dak li l-ufficjal prosekutur setgha kien tal-intendiment matul l-investigazzjoni.

L-Ewwel Qorti qieset li Carmel Sammut ma kienx kredibbli. L-appellant fl-appell tieghu jikkoncedi li dan ix-xhud ma huwiex kredibbli u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra x-xhieda tieghu. Minn naha l-ohra filwaqt li l-Qorti kellha dubji kbar dwar ix-xhieda tal-imputat, hija tat kredibilita' lil Jesmond Abela. Emanuel sive Jesmond Abela fix-xhieda tieghu moghtija fit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed li l-imputat kien iltaqa mieghu meta laqghu persuna maghrufa bhala it-Toxakk u cioe' Carmel Sammut. Xehed li t-Toxakk kien qallu li ghandu habib

tieghu jew xi hadd jafu li ghandu xi numru ta' VAT irid jaghlqu. Jghid li kien jaf lil wiehed Nigel Abela li kien jahdem il-VAT bhala accountant u jaghmel xi accounts xoghol. Xehed li '*Jien ma nifhimx fis-sistema tal-VAT kif tahdem qed tifhem. Pero' Nigel kien qalli ghax lil Nigel ma kontx ilni nafu, kien qalli jkun hemm xi hadd ghandu xi haga xi problema fil-VAT ghidli qed tifhem u nkun nista' nirrangalu. Issa jien ma nafx kif tahdem is-sistema qed tifhem. Kien talabni Nigel biex igibli n-numru tal-VAT ta' din il-persuna, tas-Sur Vella u gibtulu*'. Mistoqsi jirrangalek xiex wiegeb li '*Jew jigifieri jhallashom, ma nafx certu zmien stipulat jew inkella jahfirhom*'. Rega mistoqsi x'talbek ezatt l-imputat wiegeb '*Biex jara x' jista' jirrangalu biex jaghlaq il-VAT number*' u li '*Jekk jistax ma jhallashomx ghax xi multi*'. Xehed li '*U jien meta kont kellimt lil Nigel qed tifhem kien qalli, kien qalli nahfirhomlu dawk*'. Xehed li Nigel talbu elf ewro (€1000) u x-xhud mar jghid lil Joe u cioe' l-imputat u qallu '*all right*'. Jghid li Joe tah elf ewro (€1000) u dan Jesmond Abela ltaqa ma' Nigel u Nigel qabad hames mitt ewro (€500) u tahom lil Jesmond Abela.

In kontro-ezami Jesmond Abela qal li l-imputat '*darba qalli jekk ma nhallas xejn ahjar uh*'. Meta mistoqsi '*Imma qatt qallek li indispost li ma jrid ihallas xejn, ma jrid ihallas xejn*' wiegeb li '*Dak kien l-intenzjoni sija ta' John, ta' min qabbadni mieghu u sija tieghu*'. Meta mistoqsi '*Mela ghaliex fix-xhieda tieghek qabel ghidt illi qallek jew ihallsu jew inkella jiffrakahulu, hekk ghidt inti fix-xhieda tieghek fil-bidu*' wiegeb li '*Forsi hadt zball uh*'. Dwar meta mar bl-elf ewro (€1000) jghid li Nigel qal li dak mhu se ihallas xejn, li kollox clear. L-Ewwel Qorti dwar dan ix-xhud kienet ikkunsidrat li '*beda d-depozizzjoni tieghu b'certu riluttanza pero wasal biex ikkonferma dak li kien qal fi stadju ta' investigazzjoni lill-pulizija.*'

Minn naha l-ohra, l-imputat fix-xhieda tieghu jikkonferma z-zewg stqarrijiet rilaxxati minnu izda jamplifika fuq dak li qal fl-istqarrijiet. Fix-xhieda tieghu tas-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li '*Lil Jesmond Abela sirt nafu il-ghaliex hemm bniedem kien joqghod magenbi jismu Toschak, mhux mill-Mosta imma gie joqghod ma genb il-hanut li huwa daqsxejn flirty u hekk. Kien jigi l-hanut u daqqa ntih flixkun whiskey u daqqa joqghod jiccajta mat-tfajliet u biex inkeccih 'il barra nghidlu mur hu flixkun Whiskey jew mur hu xi haga ta' l-ikel ghal kelb u jitlaq 'il barra. U dahal darba ghidtluhalli Toschak ghax m'ghandiex aptitek illum. Qalli xi gralek ? Ghidtlu ghax ghandi problema' ma' tal-VAT ghidtlu*'. Xehed li '*kont ircevejt xi karti biex inhallas xi VAT fuq id-Dismar u kien*

*hemm ammont essagerat ta xi sitt elef euro. U rajtu hafna uh'*. Rah hafna '*Ghax kumpanija wieqfa u ma tahdimx. Ghaliex ghandi nhallas sitt elef euro fuq kumpanija ma tahdimx. Qalli issa ghandi habib tieghi qalli u nghidlu nara jirrangalekx. Ghax ghidtlu hawn kollha multi u nteressi. Ghidtlu kieku jirrangali biex iwaqqali l-multi u l-interessi allura nhallas. Qalli issa nkellimulek.*' Meta mistoqsi '*Inti lil dana Abela accettajt li tiltaqa mieghu minhabba biex inehhielek il-pure tax jew il-multi u l-interessi ?*' wiegeb '*Le jien il-multi u l-interessi jnehhili u nhallas it-taxxa li hija dovuta lilha. Qatt ma pruvajt inehhi it-taxxa jiena*'. Jghid li l-multi nehhiehom kemm qabel u anke meta kien fil-kawza f'kazijiet ohra u anke wara din il-kawza. Jghid li meta Jesmond li ltaqa mieghu xi darbtejn , l-ewwel meta gabu Toschak il-hanut u darba ohra meta gablu l-karta s-safra tal-VAT, twiha u tefaha fil-but jghid li ghax ma joqghodx jara karti u '*Waddabtha fil-but u normali dak il-hin, l-ghada jew gimgha wara waddabha fit-tray li ghandi isfel fil-hanut u mbaghad titla fl-ufficju fuq u mbaghad jippustjawha fil-file li suppost tkun tal-VAT, tat-Taxxa..*' Huwa sahaq li ma hallas xejn lil Jesmond ghal din il-bicca xoghol. Xehed li '*Le m' offrejtlu xejn. ghax hu kien laqqaghni mieghu t-Toschak u jiena propja l-pjacir Jesmond ghalkemm ghamlu lili mhux lili ghamlu, ghamlu lit-Toschak. It-Toschak naf*'. Spjega li Jesmond f' xi hin kien cempillu u qallu '*l-multi u l-interessi all right waqqajthomlok u baqalek thalals xi elf lira fuq il-kont*'. Xehed li Jesmond kien cempillu u qallu '*it-Taxxi, il-multi u l-interessi nehhewhomlok, baqalek taghti ftit taxxa u mur hallasha. Ghidtlu all right. Mela jiena jew cempilt lil tat-Taxxa*'. Bhala ammont, kien qallu li baqalu jaghti xi elf ewro (€1000). Xehed li hallsu bic-cheque fl-ammont ta' elf, mija u hamsa u hamsin u wiehed u ghoxrin centezmu (1155.21) u kkonferma li flok tefghuh fuq il-kumpanija Dismar, tefghuh fuq il-kumpanija ta' Natu bi zball izda jghid li ma jimpurtax ghax xorta kellu jaghti ta' Natu. Ikkonferma li kien rega mar u hallas cash l-istess ammont din id-darba fuq il-kumpanija Dismar. Jishaq li ma jafx ma min Jesmond kien tkellem. Xehed li Jesmond meta cempillu qallu li hemmhekk irrangalu. Spjega li '*Qalli l-multi u l-interessi all right qalli mur hallas it-Taxxa li baqalek. Jiena saqsejt kemm kien fadal taxxa u kien baqa' dawk l-elf u xi haga u mort hallasthom*'.

Fl-ewwel stqarrija rilaxxata fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u disa' (2009) fost mistoqsijiet ohra, meta kien mistoqsi '*Lil Jesmond Abela maghruf bhala l-Hajta tafu u jekk iva fejn tafu?*' wiegeb li '*Nafu. Kien introducieni mieghu habib tieghi li ma nixtieqx nghid*

*min hu. Lil Jesmond ilni nafu madwar xahar. Lil dan kont staqsejtu setax jghinni filli jiffrankali t-taxxa fuq l-interessi tal-VAT u l-multa dan ghar-rigward tad-Dismar. Naf li Jesmond irnexxielu jaghmilli dan kollu u cioe' iffrankali hafna interssi u multa tal-VAT. Mistoqsi nghid kemm kien l-ammont ta' interessi u multi li hafirli d-Dipartiment tal-VAT permezz ta' Jesmond nghid li ma nafx. Mistoqsi wkoll nghid kemm hallast flus lil Jesmond ghal din il-bicca xoghol li ghamilli nghid li sal-lum ma tajtu ebda flus. Fuq mistoqsija ohra li qed issirli nghid li lanqas weghedtu xi haga.*' Interessanti hija l-mistoqsija maghmulha f'din l-istqarrija u cioe' '*Ftit tal-hin ilu inti rajt u smajt lil Jesmond il-Hajta f'dan l-ufficju jghid li inti tajtu elf ewro (€1000) flus kontanti u dan talli kien irrangalek dan kollu mad-Dipartiment tal-VAT u cioe hfir ta' multi u interessi. X'ghandek xi tghid dwar dan?*' Din il-mistoqsija ghalhekk tindika li Jesmond Abela kien matul il-konfront qal li kien inghata elf ewro (€1000) biex jirrangalu dwar '*hfir ta' multi u interessi*'. Ghal din il-mistoqsija, l-imputat kien wiegeb '*Mhux hekk qal. Mistoqsi nghid x'qal nghid li hu hallas il-flus lil tat-Taxxa.*' Meta mistoqsi '*Inti kont taf hux hekk li l-flus li tajt lill-Hajta kienu intenzjonati bhala rigal ghal ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT?*' wiegeb '*Le. Jiena qatt ma tajtu flus lill-Hajta. Lanqas naf li jghidulu l-Hajta jien. Nafu bhala Jesmond. Ilni nafu xahar jew daqsxejn izjed.*' Fl-istqarrija tas-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) fost numru ta' mistoqsijiet, l-imputat mistoqsi '*Tista' jekk joghgbok tispjega b'liema mod l-ammont dovut lill-VAT Department rigward Dismar gie kkancellat?*' wiegeb '*Kont qed nitkellem mat-Toschak fejn dan ghedtlu li kelli problemi bil-VAT fuq kumpanija minn tieghi b'referenza ghad-Dismar u dan peress li kelli bilanc dovut ghal kumpanija li ma kinitx operattiva. Dan min-naha tieghu kien laqqaghni ma' certu Jesmond, l-istes persuna li kien hawn f'dan l-ufficcju l-bierah, fejn dan qalli li kien ser jirrangali biex iwaqqaghli t-taxxa u l-multa fuq din il-kumpanija Dismar. Jekk niftakar sew kien talabni l-VAT number tal-kumpanija. Jien kien minghalija li l-ammont dovut kien ta' madwar sitt elef ewro (€6000) izda meta ccekjali Jesmond, dan kien qalli li l-ammont kien id-doppju. Ma' min tkellem Jesmond ma nafx. Naf pero li x-xahar li ghadda Jesmond qalli li kien irrangali u waqqaghli kollox izda kien fadal dawk l-elf u xi haga li jien hallast u dan biex naqta' kaz li jien kelli l-Qorti fuq il-kumpanija. Mistoqsi nghid kif irnexxielu jaghmel dan Jesmond nghid li ma nafx ghalkemm nikkonferma li dan kien gabli return tal-VAT li naghraf f'dan l-ufficju bhala dik datata 4 ta' Marzu 2009 li tkopri l-perjodu l-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009. Nikkonferma li kien Jesmond li gabli din ir-return u ma nafx min kitibha u wisq anqas min iffirmaha. La l-kitba u lanqas il-firma ma huma tieghi jew ta' l-accountant tieghi.*

*Nikkonferma li l-figuri fuq ir-return huma foloz ghaliex kif spjegajt qabel il-kumpanija ma operatx ghal dawn l-ahhar snin. Fuq mistoqsija li qed issrli, ninsisti li lil Jesmond ma tajtu ebda flus u jekk dan hallas xi haga, ma kontx jien li tajtu l-flus. Lili ma talabni xejn lanqas. Nerga' nghid li kien it-Toschak li qabbadni mieghu u jekk hemm xi haga bejniethom ma nafx.'*

L-Ispettur Gafa' a fol 34 ipprezenta Dok AG4 li hija denunzja ghal perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u l-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009) li waslet ghand id-Dipartiment fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009). Meta l-imputat mistoqsi fl-istqarrija tas-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) jekk '*Naqblu li inti konxju mill-fatt li l-ahhar return sottomessa fil-VAT Department rigwardanti Dismar bi kreditu ta' €11,721.45 tikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz ghax din il-kumpanija ma kinitx operatttiva?*' wiegeb li '*Iva*'.

Ghalhekk jirrizulta li d-denunzja li tinsab a fol 34, li kopja taghha tinsab ukoll fil-file l-ahmar elevat minghand l-imputat tikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz. L-imputat xehed li l-kumpanija Dismar ma kinitx operativa, jghid li kienet '*dormant ma taghmel xejn hlief darba niftakar xi s-sena 2005 jew sitta jew erba' xi haga hekk kienet tat kera lil kumpanija propja li nahdeb biha Ta' Natu talli qed tuza l-proprjeta' taghha, darba biss hadmet il-bqija qatt*'. Ikkonferma li kienet thallset kera minn kumpanija ohra tieghu u li giet ikkrejata bhala '*an expense mill-kumpanija*'. Xehed li talli hadet il-kera, fuq il-kera trid thallas il-VAT. Ghalhekk certament li d-dikjarazzjonijiet kontenuti fid-denunzja li tinsab a fol 34 huma inveritieri kif wara kollox ikkonferma l-imputat matul it-tehid tal-istqarrijiet. Li huwa konfuzjonarju huwa l-fatt kif fil-file l-ahmar elevat mill-prosekuzzjoni minghand l-imputat, hemm denunzja li tirrigwarda l-istess perjodu izda li hija indikata bhala nill. Dwar dan ghalkemm kien mistoqsi matul it-tehid tat-tieni stqarrija, l-imputat ma kienx jaf iwiegeb. Jirrizulta izda li d-denunzja li hija immarkata bhala Dok AG4 giet ipprezentata d-Dipartiment tal-VAT, tant li d-Director Operations mal-VAT Department, Joanne Hefney fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Qorti tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ikkonfermat u ipprezentat koja taghha bhala Dok JH1. Spjegat li '*eccess ta' kreditu*' ifisser li kien qieghed jintalab dak l-ammont bhala kreditu. In kontro-ezami ikkonfermat li wara d-denunzja in kwistjoni kien baqa' bilanc tant li dahal pagament

kif jidher minn kemm Dok JH2 a fol 60 u d-dokument ipprezentat mid-difiza bhala Dok GV 1 a fol 61.

Illi l-appellant jissottometti dwar li huwa ried biss li jitnehhew l-interessi u l-multi u li mhux li ma jithallasx il-*pure tax* u li dan il-fat gie injorat mill-Ewwel Qorti. Ghalkemm fl-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat f'xi waqtiet ma humiex car jekk kienx qieghed jistqar li talab biss li jitwaqqghu l-multi u l-interssi tant li f'xi stadji isemmi anke t-taxxa, fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti huwa jemfasizza li huwa kien lest li jhallas il-*pure tax* u li t-talba maghmulha lil Jesmond Abela kienet sabiex jinqatghu l-multi u l-interessi. Dan gie anke emfasizzat matul it-trattazzjoni tal-Avukat difensur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta u minn nota ipprezentata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn l-Avukat difensur ikkjarifika li '*biha qieghed jirrettifika dak sottomess minnu li ma kienx kontestat mill-proskuzjoni li l-appellant ried li jitnehhew biss l-interessi u l-multi u mhux il-pure tax. Dak li effettivament jirrizulta mill-atti - u dan huwa dak sottomess anke fir-rikors ta' l-appell tieghu - hu l-fatt li l-appellant dejjem iddikjara li ried li jitnehew biss l-interessi u l-multi u mhux il-pure tax. Effettivament dan il-fatt huwa kontestat mill-prosekuzzjoni kif gustament issottomettiet l-abbli avukat Dr Ann Marie Cutajar waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru, 2016*'. Din il-Qorti ghandha d-dubju taghha dwar kemm verament l-appellant talab biss li jitnaqqsu l-interessi u l-multi u mhux li jitnaqqas ukoll il-pure tax u dan anke tenut kont tal-fatt li l-kopja s-safra tat-tax return ghal perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) sat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006) kienet tindika li t-taxxa pagabbli kienet dik ta' LM2808 u ghalhekk l-appellant kellu jkun jaf li kienu tnaqqsu mhux biss l-interessi u l-penali.

Minkejja dan, anke jekk jirrizulta li l-appellant verament ma riedx li titnaqqas jew tinqata' l-pure tax, huwa naqas milli jmur id-Dipartiment tal-VAT sabiex jara jaghmilx arrangament f'dan is-sens, fatt indikattiv li dak li kien qieghed isir ma kienx b'mod legittimu.

Dwar is-sottomissjoni dwar jekk Jesmond Abela giex protett b'xi mod mill-prosekuzzjoni abbazi mhux biss tal-piena inflitta fuqu izda anke abbazi ta' dak li dan Abela kien stqarr f'wahda mill-istqarrijiet tieghu dwar li kellhom jaqsmu l-elf ewro

(€1000) hu u Nigel filwaqt li meta l-Ispettur Angelo Gafa' xehed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Emanuele sive Jesmond Abela'** kopja ta' liema xhieda tinsab a fol 859 et sequitur xehed li ghalkemm Jesmond Abela ma kien ftiehem xejn, meta Joseph Vella ghaddielu l-elf ewro (€1000) u ghaddihom lil Nigel, dan tah hames mitt Ewro (€500). Dwar l-allegazzjoni tal-imputat li Jesmond Abela gie protett, il-Qorti ma tara li din ma hija tal-ebda sostenn ghall-appellant. Se mai' tali argumenti jistghu jitqiesu biss meta l-Qorti tikkunsidra l-piena.

L-appellant matul ix-xhieda tieghu jishaq li huwa traskurat. Fir-rikors tal-appell jghid li gab provi li fil-mori tal-proceduri huwa kien hallas l-ammont effettivament dovut lid-Dipartiment darbtejn u lanqas biss talab refund. L-appellant fix-xhieda tieghu ikkonferma kif kien hallas l-ammont ta' elf, mija u hamsa u hamsin u wiehed u hoxrin entezmu (€1,155.21) u li flokk tefghu fuq il-kumpanija Dismar tefghuh fuq il-kumpanija ta' Natu bi zball izda jghid li '*Ma jimpurtax*' u dan ghax xorta kellu jaghti fuq ta' Natu. Ghalhekk lanqas ma jirrizulta li dan l-ammont thallas doppju fuq l-istess kont u cioe' fuq il-kont ta' Dismar Company Limited. Nonostante dan, din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba kopji tad-denunzja in kwistjoni instabu fil-file ahmar elevat minghand l-imputat, ifisser li l-appellant kien jaf ezattament il-kontenut ta' dik id-denunzja u li kien qiegehd jassumi responsabbilta' taghha. Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '*L-imputat jghid li l-verzjoni tad-denunzja in ezami li giet prezentata lid- dipartiment (dik esebieta bhala Dok AG4) raha l-ewwel darba fid-depot tal-pulizija meta kien qed jigi interrogat; pero fil-file l-ahmar li gie sekwestrat mill-ufficju tieghu kien hemm adirittura zewg kopji ta' dik il-verzjoni tad- denunzja. Mistoqsi kif spiccaw hemm dawk il-kopji jghid li ma jafx.*' Dwar dan, fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti l-imputat xehed li ra dan id-dokument l-ewwel darba fil-kamra tal-Ispetutr Gafa' izda fl-istqarrija tas-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) kien ikkonferma li kien Jesmond li gablu din ir-return ghalkemm ma jafx min kitibha u wisq anqas minn iffirmaha. L-Ewwel Qorti ghamlet numru ta' kunsiderazzjonijiet li johorgu mix-xhieda tal-imputat kif ukoll mid-dokumentazzjoni fil-file ahmar elevat minghand l-imputat, kunsiderazzjonijiet li huma ta' relevanza kbira meta wiehed jevalwa l-provi fl-assjem taghhom.

Din il-Qorti ghalhekk wara li rat il-proviipprezentati kemm mill-prosekuzzjoni u mid-difiza ma taqbilx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni maghmul mill-Ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-fatti u qieghda ghalhekk tichad dan l-ewwel aggravju. Ghalhekk sejra tghaddi biex tikkunsidra jipprovdi t-tieni aggravju.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li anke jekk wiehed jasal ghal konkluzjoni li l-appellant kien konsapevoli ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu Jesmond Abela u Nigel Abela, dan l-ghemil ma jikkonsistix ir-reat kontemplat fl-artikolu 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Jissottometti li l-Qorti naqset milli tiddeciedi liema kien ir-reat li tieghu kien qed jinstab hati essendo dawn ir-reati manifestament alternattivi jew fl-aghar ipotesi, kien jikkostitwixxi biss tentattiv ta' wiehed minn dawn ir-reati.

L-appellant jissottometti li gie diversi drabi ritenut li mhux kull forma ta' lokupletazjoni ossia arrikkiment maghmul a dannu ta' haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun iwassal lil vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggiblha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf skont l-appellant hafna drabi jkun jikkonsisti filli il-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lil agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi dak li fid-dottina jissejjah ukoll *mise en scene* ikun hemm it-tuffa, jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.

Jissottometti li f'dan il-kaz irrizulta li l-appellant ma ghamel ebda gwadann u lanqas id-Dipartiment tal-VAT ma sofra xi telf patrimonjali minhabba l-agir tieghu. Qabel ma dahal Jesmond Abela fix-xena l-appellant kellu d-dejn mad-Dipartiment, li dan id-dejn naqas apparentement bl-operat ta' Nigel Abela u rega gie ripristinat u effettivament thallas. Jissottometti li fl-ebda mument ma d-Dipartiment hareg xi flus mhux dovuti lill-appellant u li ghalhekk ma jistax jinghad li d-Dipartiment sofra xi telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-appellant. Jissottometti li fl-evventwalita' li l-Qorti ma taqbilx ma' dan ghaliex l-operat ta' Nigel Abela *nonche ad*

*insaputa* tal-appellant, kien intiz biex igib telf patrimonjali lid-Dipartiment, gie sottomess li gialadarba id-Dipartiment ma sofra ebda telf, l-appellant setgha jinstab hati biss ta' tentattiv tar-reat.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti l-elementi li jsawru r-reati taht l-artikolu 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'**[9] gie kkunsidrat:

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[10].

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei*[11] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

[10] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

[11] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata)

***Antolisei*** *jkompli jghid pero li*

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[12].

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[13] *.*

*Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zviluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni il-kancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. Pero huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn id-diffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il- kwadru ta' fatti ma tirrizulta l-ebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu induciet lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.*

*Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil- fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Chris Pullicino Vs Joseph Incorvaja'**[14] gie kkunsidrat li:

*'Fir-raba' akkuza l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi, kif kontemplat fl-**artikolu 308**. Din il-Qorti, ghal kull bon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mark Schembri** fejn hemm dettaljatament*

[12] Op cit pagna 357(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

[13] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Gunju, 2011 (Numru: 107/2006)

*deskritt l-origini ta' dan r-reat fis-sistema nostrana, kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mil-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat r-reat ta' truffa.*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn **Sir Adrian Dingli** mill-paragrafu 5 tal-**artikolu 430** tal-Codice delle due Sicilie li hu identiku, hlief ghal xi kelmiet insinifikanti, ghal Kodici Franciz (**artikolu 405)**, avolja dan, il-Codice delle due Sicilie, it-truffa kien jsejhilha frodi - del resto anke llum dan d-delitt fil-Kodici taghna, hu indikativ bhala 'frodi b'ghemil qarrieqi'.*

*Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd inkluz l-imputat.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min -*

- *a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
- *b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew*
- *c. ta' kwalifiki foloz,*
- *d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*
- *e. ingann, jew*
- *f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- esiztenza ta' intraprizi foloz,*
- *g. jew ta' hila*
- *h. setgha fuq haddiehor, jew*
- *i. ta' krediti mmaginarji, jew*

j. *sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*Fis-sentenza tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1895 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Rex v Vittorio Azzopardi*** *(vol.XXIX - IV -pg. 398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn* ***Chaveau et Helie*** *u anke minn sentenzi tal-Corte di Cassazzione ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju, biex ikun hemm r-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jikunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. F'dik is-sentenza ssemmiet wkoll is-sentenza* ***Regina v Giuseppe Galea*** *tat-tnax ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit li :-*

*"che per costituire la frode sotta la disposizione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzjonati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza din un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti"*

*Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna.* ***L- Imhallef William Harding*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Nikola Bonnici*** *deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-*

*"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal- iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Regina v Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit- tnejn ta' Jannar, 1896 li fiha intqal li 'quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falza ma richiede inoltre che siano stato impegnate inganno, raggire o simulazione ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*L-**Imhallef Guze Flores** fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis deciza minn din il-Qorti fil- wiehed u tletin ta' Ottubru, 1959****, segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk:*

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika*

*li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal- falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

*Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l- kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid- dritt Franciz mis en scene. L-istess interpretazzjoni l- Imhallef Flores irrepetiha fis-sentenza tieghu fil-kawza fl- ismijiet* ***Police v Schreiner*** *tat-tlieta ta' Mejju, 1956 u fil- kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Gerald Parretti*** *deciza fis- sebgha ta' April, 1950.*

*Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-****artikolu 308*** *tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-sugett attiv tar-reat fil-mument tal- konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri (mise en scene), id-definizzjnoi moghtija mill-* ***Antolisei*** *fil-ktieb tieghu* ***Manuale di diritto penale*** *( vol 1 - pg. 280) hija bizzejjed :*

*"nel suo significato letterale artifizio e' ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia simulando cio che non esiste ( per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc. ) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per ezempio il proprio stato di insolvenza.)"*

*Issa f'dan il-kaz l-imputat kien jaf li ma kienx intitolat ghal flus li kien qed jippretendi minghand l-insurance, izda dan nonostante kkreja c-cirkostanzi biex jiddefroda lill-istess insurance, u ghalhekk huwa bizzejjed li nqeda b'qerq u ngann kif imsemmi fl-artikolu fuq imsemmi 308, u dan billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' kreditu mmaginarju. Il-mis en scene f'din il-kawza jammonta ghal dak l-apparat estern li gieghel lill-ufficjal tas-socjeta' assikuratrici jemmen li kollox kien miexi regolari w ghalhekk una volta*

*kkrejata din il-mis en scene billi ghamel rapport ghand il-pulizija ha sehem f'inkjesta magisterjali u, una volta kkreja dan l-apparat estern, intiz proprju biex jinganna, r-reat in kwistjoni jkun integru.'*

L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby'**[15], fejn gie kkunsidrat:

*'Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleggjalment komposta, fis-sentenza tad-29 ta' Novembru, 1922 fl-ismijiet **Sua Maesta' il Re v. Antonio Demicoli ed.**, mhux kull forma ta' lokupletazjoni ossia arrikkiment maghmul a dannu ta' haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent...'*

L-appellant jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija kontra Philip Petroni'**[16] fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ikkunsidrat li:

*'L-unika haga li din il-Qorti thossha fid-dover li zzid -- u dan semplicement ghall-finijiet ta' kjarifika -- hu li ma tantx hu desiderabbli li wiehed jispjega l-mise en scene billi wiehed jirreferi ghal agir "kwazi teatrali". Veru li diversi sentenzi fl-imghoddi ghamlu referenza ghal din l-espressjoni -- "kwazi teatrali" -- pero' din il-qorti hi tal-fehma li tali espressjoni tista' tisvija jew tizgwida lil dak li jkun ghax taghtih x'jifhem li l-mise en scene tirrikjedi xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet. Ghal aktar kjarezza din il-Qorti ser tirriproduci dak li intqal minnha fis-sentenza tal-20 ta' Gunju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul**:*

***"Fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-"artifizi" jew "raggiri" idoneji li jinducu, u li effettivament ikunu inducew, lill-vittma fi zball -- l-ingann -- u li <u>b'konsegwenza ta' dak l-izball</u> il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-***

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 1999 (Appell Numru: 229/98)
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appll Kriminali fis-16 ta' Marzju, 1999 (Appell Numru 215/98, 217/98)

*korrispondenti qligh ghall-agent. Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei, b'"artifizio" wiehed ghandu jifhem*

*"....ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta' effettuato sia simulando cioe' che non esiste (per es., ricchezza, titoli, nome, qualita' ecc.), sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cio' che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una determinata cosa, ecc.)" [Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I, Giuffre' (Milano), 1986, p. 295].*

*L-istess awtur jiddefinixxi ir-raggir bil-mod segwenti:*

*" Il raggiro....e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita' "[ibid.].*

*Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika il-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna, jew jipprova jinganna, b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna.*

*Pero', kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-risultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq u mal-appropjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh. Fi kliem l-awtur appena citat:*

*"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato [di truffa] e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi*

***reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche' il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un' arbitraria, e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri, riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da se': consegni una cosa, assuma un'obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione pregiudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" [op. cit., p. 293].***"'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**[17], gie kkunsidrat li:

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

---
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

Ikkunsidrat;

Fil-parti disposittiva tas-sentenza, l-Ewwel Qorti rreferiet kemm ghall-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta talli jirrigwarda l-frodi b'eghmil qarrieqi, l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ili jirrigwarda kazijiet ohra' ta' qligh b'qerq u l-artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'dak li jirrigwarda l-piena.

L-Ewwel Qorti kkunsidrat:

*'Illi fir-rigward ta' din it-tielet imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li permezz ta' dik id-denunzja ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009 l-imputat kien qed jikkrea kreditu immaginarju ta' €11,721.45 li permezz tieghu ghamel qliegh a dannu tal-Gvern ta' Malta.*

*Illi jirrizulta ampjament li l-figuri li kienu jidhru fid-denunzja prezentata lid- Dipartiment ma kienux reali ghaliex ma kellu jirizulta l-ebda kreditu.*

*Illi aktar minn hekk inhass il-bzonn li jigu redatti zewg verzjonijiet ta' dik l-unika denunzja; wahda intiza ghad-Dipartiment biex jigi assigurat it-tnaqqis drastiku f'l-ammonti dovuta minn Disamr, u l-ohra intiza biex tinzamm mill-imputat biex ma jitqajjmux suspetti fost l-imjegati tieghu (partikolarment l-accountant u l- awditur) meta jkunu qed jaghmlu l-verifiki taghhom.*

*Illi jirrizulta ukoll li ghal xi zmien wara l-intervent ta' Jesmond Abela fir-records tad-Dipartiment kien qed jidher li l-ammont dovut mis-socjeta Dismar Co Ltd kien ta' €1,155.21, meta fil-fatt kellu jkun ta' €12,876.66 li minnhom €6,540.88 kienu pure tax. In oltre meta l-imputat mbaghad hallas dawk il-€1,155.21 kien qed jidher li humakellu jghti xejn lid-Dipartiment.*

*Illi mill-provi propdotti jirrizulta ampjament li d-denunzja li kienet qed turi kredit ta' €11,721.45 gie redatta minn terza persuna wara l-intervent ta' Jesmond Abela u dan fuq inkarigu ta'l-imputat. Mill-assjem tal-provi ma jirrizultax minn kienet il-persuna li effettivament hadet hsieb biex fil-kont tas- socjeta Dismar Co Ltd mad-Dipartiment mhux biss jittiehed in konsiderazzjoni l- kreditu immaginarju fuq imsemmi imma jigu manipolati r-*

*records b'mod li jidher li id-debitu ta'Dismar Co Ltd kien ta' €1155.21 meta fil-fatt kien ta' €12,876.66. Pero ghalkemm il-persuna li effettivament ghamlet dan ma jirrizultax min hi, jirrizulta ampjament li dan gara u dan jikkostitwixxi qliegh favur l-imputat a dannu tad-Dipartiment.*

*Illi ghalkemm ma jistax jinghad li mill-provi prodotti jirrizultax minn kien l- awtur ta' dan il-agir pero kif diga ntqal aktar 'l fuq din il-Qorti hija konvinta li permezz tal-ftehiem li kellu ma' Jesmond Abela (u li ghalih hallas is-somma ta' €1,000) l-imputat kien jaf li ser isir xi haga biex jnqata id-dejn li huwa kellu mad-Dipartiment minghajr ma jhallas l-ammont li kien fil-fatt dovut.*'

Illi din il-Qorti anke jekk kellha tiskarta l-allegazzjoni li l-appellant ghadda elf ewro (€1000) lil Jesmond Abela u tiskarta ukoll il-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li z-zewg denunzji ghall-istess perjodu tpoggew fil-file tal-imputat sabiex ma jitqajmux suspetti mal-impjegati u mal-accountant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li fid-denunzja tnizzlu krediti imaginarji ghal perjodu li l-kumpanija ma kinitx qieghda topera, krejat dik il *messa in scena* rikjesta sabiex jissussiti r-reat taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan wassal ghar-rizultat li gie registrat kreditu favur is-socjeta Dismar Company Limited a detriment tad-Dipartiment tal-VAT tant li l-appellant kien hallas il-bilanc ta' elf, mija u hamsa u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,155.21).

L-imputat jissottometti ukoll fl-appell tieghu li l-appellant ma ghamel l-ebda gwadann u d-Dipartiment tal-VAT lanqas ma sofra xi telf patrimonjali u li dan id-dejn naqas bl-operat ta' Nigel Abela u rega gie ripristinat u effettivament imhallas. Paul Scicluna li rega xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) kien ikkonferma li sar il-hlas tant li xehed li '*fl-ahhar seduta li kienet fil-25 t'Ottubru 2010 is-Sur Vella kien ghad baqghalu jaghti bilanc lid-Dipartiment bilanc ta' €13,200 liema bilanc kien thallas lili f'din l-Awla stess. U ghaldaqstant f'Novembru li ghadda is-Sur Vella kien assalda l-pendenzi kollha mad-Dipartiment fil-konfront ta' Dismar CO Ltd...*' Ghalhekk jirrizulta li l-hlas sar fil-mori tal-proceduri u li ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm biss attentat tar-reat. Kien biss ghax il-Pulizija investigat u l-appellant tressaq quddiem il-Qorti li wasal lill-appellant ihallas dak li kien dovut lid-

Dipartiment tal-VAT. Ma hemmx dubju li r-reat giet ikkonsmat mal-intavolar tad-denunzja in kwistjoni fid-Dipartiment tal-VAT.

Jista' jinghad li jkun hemm attentat sal-mument li d-denunzja b'ammonti fittizzji tkun ghada ma gietx ipprezentata lid-Dipartiment tal-VAT. In oltre', ghalkemm ma rrizultax minn effettivament mela din id-denunzja u prezentaha, ma hemmx dubju li l-appellant kien konxju ta' dak li sehh tant li kopja ta' tali denunzja instabet ukoll fil-file ahmar elevat mill-prosekuzzjoni.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta li ssib lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u dan taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti indikat ukoll l-artikolu 309 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti dispositiva izda mill-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti huwa indikattiv li l-appellant kien qieghed jinstab hati taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**[18] '*ir-reat tħat l-artikolu 309 tal-Kap.9 huwa kompriż u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Dan joħroġ ċar minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 u fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza in materia. L-elementi li jikkostitwixxu d-delitt taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 jistgħu, u anke huma, komuni għal dawk rikjesti għad-delitt taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9.*'

Ghalhekk dan it-tieni aggravju qieghed ukoll jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-appellant ma ressaqx aggravju *ad hoc* dwar ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni izda fit-talba fir-rikors tal-appellat talab li '*tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni u fejn erogat il-piena msemmija u tikkonfermaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u l-piena.*'

Ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet jaqraw:

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

'*Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;*

*U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' mezz ta' rigali, weghdiet, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqa f' xi rigward materjali;*'

Din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet maghmulha mill-Ewwel Qorti u cioe':

'*Illi mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li d-denunzja prezentata ghal perjodu mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Janar 2009 taghti informazzjoni falza fis-sens li non e veridico perche colui che lo ho formato gli fi dire cose contrario al vero. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li dan id- dokument kien mahsub ghal xi awtorita pubblika, id-Dipartiment tal-VAT, u lanqas hemm dubbju li permezz tad-denunzja in ezami l-imputat kiseb vantagg ghalih.*

*Illi dwar l-element tax-xjenza, l-imputat isostni li d-denunzja esebita bhala Dok AG4 hu raha ghall-ewwel darba waqt li kien qed jigi interrogat. Kif diga ntqal l- imputat mhux kredibbli f'din l-asserzjoni ghaliex fil-file li gie sekwestrat mill- ufficcju tieghu kien hemm adirittura zewg fotokopji ta' din id-denunzja.*'

Din il-Qorti lanqas ma temmen li l-appellant ma kienx jaf il-kontenut ta' din id-denunzja abbazi tar-ragunament li huwa twiha u poggiha biex impjegati ipogguha f'postha. Fl-istqarrija tas-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) qal li '*nikkonferma li dan kien gabli return tal-VAT li naghraf f' dan l-ufficju bhala dik datata 4 ta' Marzu 2009 li tkopri l-perjodu l-1 ta' Novembru 2008 sal-31 ta' Jannar 2009.*' filwaqt li fix-xhieda tieghu jaghti l-impressjoni li din kien raha l-ewwel darba fl-ufficju tal-Ispettur

Gafa. Fl-istess stqarrija huwa kien ikkonerma li kemm il-kopja s-safra li tindika nill u d-denunzja li turi kreditu ta' hdax-il elf, seba' mija u wiehed u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€*11,721.45)* kien gabomlu Jesmond Abela. Ma hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-kontenut tad-denunzja immarkat bhala Dok AG4 kien inveritier tant li fl-istqarrija ta' nhar is-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) meta l-imputat kien mistoqsi '*Naqblu li itni konxju mill-fatt li l-ahhar return sottomessa fil-VAT Department rigwardanti Dismar bi kreditu ta' €11,21.45 tikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz ghax din il-kumpanija ma kinitx operattiva?*' wiegeb '*Iva*'. Ghalhekk ma hemmx dubju li r-reat taht l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta.

L-appellant gustament instab hati ukoll tal-hames (5) imputazzjoni taht l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra issa tqis l-aggravju rigwardanti l-piena. L-appellant jissottometti li l-piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija effettiva hija manifestament sproporzjonata u hija prova ta' pregudizzju li kellha l-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tal-fatt li l-esponent kkontesta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Jissottometti li kellu dritt jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih u li infatti gie liberat mill-akkuzi serji ta' komplicita' f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u ta' *trading in influence*.

Jaghmel referenza ukoll ghal fatt li Emmanuel sive Jesmond Abela instab hati fuq ammissjoni ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku, ta' trading in influence u ta' truffa/frodi innominata u li gie kkundannat tmintax (18) il xahar prigunerija sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin. Din il-Qorti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell[19] li tinsab a fol 870 et sequitur innotat li jirrizulta li Emmanuel sive Jesmond Abela kien anke kkundannat ihallas hames mitt ewro (€500) konvertibbli fi tlieta u erbghin (34) gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skont il-ligi.

[19] Fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Emmanuele sive Jesmond Abela' deciza fit-13 ta' Novembru 2009 (Appell Numu: 332/09)

L-appellant Jissottometti li r-responsabbilta' oggettiva ta' Jesmond Abela kienet ferm aktar serja minn dik tal-appellant li semplicement talab li jitnehhew l-interessi u l-multi. Jissottometti li dan huwa kaz ta' return wahda fejn id-Dipartiment tal-VAT ma ghamel ebda telf. L-ammont dovut gie mhallas mill-appellant darbtejn u li l-unika gustifikazzjoni ghal piena erogata kienet il-fatt li kkontesta l-akkuzi migjuba kontrih.

Illi l-Ewwel Qorti qieset li l-appellant ma setghax jinghata Ordni ta' Probation jew liberta kondizzjonata u li lanqas ma tista' tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista li l-artikolu 83(4) tal-Kapitolu 446 jaqra:

'*L-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u ta-Att dwar il-Probation ma għandhomx japplikaw dwar xi sejbien ta' ħtija taħt dan l-Att.*'

Ghalhekk gialadarba l-appellant kien qieghed jinstab hati ukoll ta' ksur tal-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma setghetx tmur taht il-minimu u lanqas ma setghet tapplika l-Att dwar il-Probation. Fit-trattazzjoni tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell diversament preseduta, skont ma jirrizulta mit-traskrizzjoni ta' dik it-trattazzjoni, l-Avukat difensur kien issottometta li peress li l-akkuzi jirrigwardaw l-istess dikjarazzjoni, l-akkuza tal-VAT hija assorbita fl-ohra u li ghalhekk ma jiehux piena taghha. In oltre issottometta li d-dikjarazzjoni falza taht iz-zewg reati hija mezz ta' fini ghat-truffa u li l-unika piena li kellu jiehu kienet dik ta' truffa li jfisser li skont l-Avukat difensur l-prekluzjoni li jimponi l-artikolu 83(4) tal-Kapitolu 406 ma tapplikax.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u dan stante li r-reat ta' truffa huwa separat u distint mir-reat li jemani mill-Att dwar il-VAT. Il-fatt li si tratta tal-istess denunzja u cioe' VAT return ma jfissrx li l-appellant kellu jinghata biss piena ghar-reat ta' truffa. In oltre' lanqas ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija effettiva abbazi tal-fatt li kkontesta l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Kif gia inghad, ghalkemm l-appellant f'dan l-appell bhal donnu jinsisti li kien hallas ammont darbtejn, dan mhux biss huwa irrelevanti ai fini ta' piena izda in oltre kif gia kkunsidrat, l-appellant fix-xhieda tieghu jghid li kien hallas ammont li

ghalkemm kellu jmur ghal kont tal-kumpanija Dismar Company Limited, dan mar fuq il-kont ta' T'a Natu u ghalhekk lanqas si tratta li hallas l-istess kont darbtejn.

Mill-fedina penali tal-appellant jirrizulta li l-appellant kellu diversi kundanni b'numru sostanzjali li jirrigwardaw denunzji tal-VAT. Din il-Qorti izda tenut kont li l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati li huwa recediv, sejra ghalhekk tordna li l-piena ta' prigunerija tkun wahda sospiza. Dan kemm abbazi tal-fatt li jirrizulta mix-xhieda ta' Paul Scicluna moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) l-appellant kien hallas l-ammonti li kien hemm dovuti u anke abbazi tal-fatt li ghaddew il-fuq minn hames (5) snin minn meta gie intavolat l-appell, liema dewmin mhux attribwit lill-appellant. Din il-Qorti tirrileva li l-ewwel seduta tas-smiegh tal-appell odjern quddiem din il-Qorti kif preseduta kien fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Din il-Qorti twissi lill-appellant li huwa ghandu jiehu din l-opportunita' sabiex jirregola ruhu u jiddezisti minn kwalunkwe agir kriminali anke f'dak li jirrigwarda l-gestjoni tan-negozju tieghu inkluz f'obbligi relatati mal-hlas ta' taxxa. F'kaz li l-appellant jerga jinstab hati ta' reati simili, il-Qorti mhijiex sejra tkun disposta li taghti piena alternattiva ghal prigunerija effettiva.

Ikkunsidrat;

Ir-raba' (4) aggravju jirrigwarda li l-Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellant ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf, tlett mija u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1350.33) rapprezentanti spejjez in konnessjni mal-hatra ta' esperti. Jissottometti li l-ispejjez kienu *ai termini* tal-artikolu 533(1) u cioe fuq '*ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti*'. Jissottometti li skont l-artikolu 650(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-espert jew perit jinhatar ghal hila jew sengha specjali tieghu. Jissottometti li bilkemm hemm ghalfejn jinghad li r-redazzjoni ta' inventarju ma tirrikjedi ebda hila jew sengha specjali u ghalhekk fl-eventwalita' li l-Qorti jkun jidhrilha li trid ittaffi l-workload tar-Registratur b''nomina bhal dik ta' Dr Patrick Valentino, certament li ma ghandiex taddossa l-ispejjez inkorsi fuq l-imputat li jkun.

L-appellant jissottometti ukoll li f'dan il-kaz qatt ma kien hemm rikavat, li lanqas ma gie applikat l-artikolu 23B tal-Kodici Kriminali u li t-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 23A da parti tal-prosekuzzjoni kienet bl-akbar rispett wahda kapriccuza.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni kienet talbet lil Qorti sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar meta saret it-talba u gie mahtur Dr Patrick Valentino. Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) skont ma jirrizulta mill-verbal ta' dik is-seduta l-Ewwel Qorti ordnat li '*b'referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni dedotta fic-citazzjoni qed tissekwestra f'idejn terzi b'mod generali l-assi kollha li jkunu dovuti lil imputat jew li jkunu propjeta' tieghu. In oltre, il-Qorti qed tipprojbixxi lil akkuzat milli jittrasferixxi bi kwalunkwe mod u jew jipoteka b'kwalunkwe mod il-proprjeta' tieghu, mobbli jew immobbli.*

*Il-Qorti, tordna li l-imputat jista' jibqa' jircievi s-salarju tieghu fl-ammont li ma jeccedix l-€13, 976.00.*

*Il-Qorti, tordna lir-registratur ta' din il-Qorti li jaghmel id-debita pubblikazzjoni ta' dan id-digriet u qed tinnomina lil Dr. Patrick Valentino biex jaghmel l-inventarju ta' l-assi ta' l-imputat u tordna wkoll li min jaghti informazzjoni dwar l-assi lil espert nominat ghandu jikkoonferma bil-gurament quddiem l-istess espert.*'

F'dak l-istadju d-difiza la opponiet ghat-talba tal-prosekuzzjoni maghmulha fic-citazzjoni u lanqas ma opponiet jew resqet sottomissjonijiet dwar l-espert li gie mahtur u cioe' dwar Dr. Patrick Valentino. Sussegwentement l-imputat kien permezz ta' rikors prezentat fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) talab li stante li l-bilanc kien saldat, li l-Qorti tikkonsidra l-pozizzjoni taghha u tirrevoka l-ordni ta' sekwestru tas-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) jew tillimita l-ammont. Il-Qorti kienet permezz tad-digriet tas-sebgha u ghoxrin (27) ta'

Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) laqghet it-talba u irrevokat id-digriet tas-16 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu ordnat is-sekwestru tal-assi tal-imputat. Ghalhekk naturalment il-Qorti fis-sentenza appellata ma ghamlet l-ebda ordni *ai termini* tal-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gialadarba l-ammont u cioe' l-eccess tal-kreditu kien gie imhallas. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghall-applikazzjoni tal-artikolu 23A ma kinitx wahda kapriccuza u li l-Ewwel Qorti gustament ordnat li jithallsu l-ispejjez indikati tal-esperti.

Ghalhekk dan ir-raba' (4) aggravju qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell billi filwaqt li tikkonferma li l-appellant huwa hati tat-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni, tirrevoka fejn ordnat l-piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija u minflokk qieghda tornda l-piena ta' tlettax (13)-il xahar prigunerija tigi sospiza ghal zmien erba' (4) snin mil-lum *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tikkonferma l-ordni sabiex l-appellant bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elf, tlett mija u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,350.33) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra tal-espert.

Il-Qorti wissiet lill-hati xi jkunu l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur